MALTA FOOTBALL ASSOCIATION 6



ĊIKLIŻMU 32



SNOOKER 38



Nru. 119 Frar 2017

# SPORTIV



**60 Anniversarju**
Mid-debutt tat-team nazzjonali **6**

**Motorsport**
Duncan Micallef l-aktar sewwieq veloċi fl-Ewropa **36**

**Storja tal-Football**
Valletta u Sliema Wanderers jillidjaw **42**

**Kompetizzjoni**
Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport






**BOV PERSONAL LOANS**

Is-self personali kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Il-benefiċċju ta' assigurazzjoni b'xejn fuq il-ħajja huwa ta' massimu ta' €25,000 għal kull faċilità, sal-eta' ta' 69 sena jew sakemm titħallas il-faċilità skont x'jagħlaq l-ewwel. Japplikaw xi termini u kundizzjonijiet.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

**2131 2020 | bov.com**

BOV
Bank of Valletta

# Frar 2017



Jesmond Moore
*Editur*

Id-data tal-bieraħ, dik tal-24 ta' Frar, hija waħda mportanti fil-kalendarju tal-Malta Football Association hekk kif iċċelebrat is-60 anniversarju mindu t-team nazzjonali lagħab l-ewwel partita uffiċjali, fl-1957, li kienet partita ta' ħbiberija kontra l-Awstrija u li dawn tal-aħħar ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-2, bil-Maltin jagħmlu rimonta fl-aħħar 10 minuti biex skorjaw żewġ goals wara li kienu fi żvantaġġ ta' tliet goals.

Dik kienet partita li ma tintesa qatt. Minn dak in-nhar sal-lum, it-team nazzjonali Malti lagħab 374 partiti.

Fix-xena lokali, il-bieraħ ingħata bidu għat-tielet u l-aħħar round tal-Kampjonat Premier fejn Hibernians bdew fil-quċċata tal-klassifika hekk kif jidher li t-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu se tibqa' ncerta sal-aħħar.

It-tliet kompjonati l-oħra wkoll jinsabu f'fażi nteressanti fejn hemm ukoll indikazzjonijet tad-destin ta' kull team minkejja li fil-football kollox jista' jinbidel f'perjodu qasir



**irbaħ €25 voucher ma' TeamSport®**

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Kontra liema team kienet l-ewwel partita uffiċjali tat-team nazzjonali Malti?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2017:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 117 hija:*
**Cristiano Ronaldo**

*Ir-rebbieħ huwa: M. J. Agius (Attard)*



Click
inewsmalta.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.

**119**

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
UnionPrint Co. Ltd
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg

**Cover**
Il-players tat-team nazzjonali Malti jiċċelebraw il-goal ta' Sammy Nicholl kontra l-Awstrija liema partita ntlagħbet fl-24 ta' Frar, 1957

UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**






# Werrej

**6 MFA**
Iċċelebrat s-60 anniversarju tat-team nazzjonali

**16 Football tan-Nisa**
Telfa u rebħa għal Malta kontra l-Litwanja

**18 Premier**
Hibernians itemmu t-tieni round fil-quċċata tal-klassifika

**24 L-Ewwel Diviżjoni**
Sitt timijiet biċ-ċans għall-promozzjoni

**25 It-Tieni Diviżjoni**
Żejtun C. fi triqithom lejn ir-rebħ tat-titlu?

**26 It-Tielet Diviżjoni**
Kalkara jibqgħu bla telfa

**29 Chapecoense**
Jilagħbu l-ewwel partita mindu l-kraxx tal-ajruplan

**30 Weightlifting**
Issir l-ewwel kompetizzjoni għal din is-sena

**32 Ċikliżmu**
It-Taljan Gilberto Simoni ... l-ex ċiklista fi żjara f'Malta

**34 YOUTH FA**
Imqassma €455,210 għall-Youth Sector mill-UEFA Solidarity Funds

**36 Motorsport**
Duncan Micallef - l-aktar sewwieq veloċi fl-Ewropa

**38 Snooker/Pool**
Ronnie O'Sullivan jirbaħ is-seba' Masters personali

**40 Gozo Sports**
Tiġrijiet taż-żwiemel f'Għawdex

**42 Meusac**
Il-pjan ta' ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport

**44 Storja tal-Football Malti**
Valletta u Sliema Wanderers jillidjaw sad-disa' ġurnata

**46 Tisliba/Spotball**
Irbaħ ma' EuroSport u ma' Fitness Studio

mfa.com.mt



Proprju l-bieraħ, 24 ta' Frar, ġie ċċelebrat is-60 anniversarju mindu t-team nazzjonali Malti għamel id-debutt uffiċjali tiegħu, fix-xena internazzjonali, fil-partita kontra l-Awstrija liema team kien igawdi rispett kbir minħabba li kien kompost minn players ta' livell mondjali.

# Is-60 anniversarju tad-debutt uffiċjali tat-team nazzjonali Malti

F'Jannar 1957, kienet ġriet l-aħbar li l-MFA kienet irċeviet stedina mingħand l-Assoċjazzjoni Awstrijaka biex it-team Malti jilgħab logħba internazzjonali ta' ħbiberija kontra l-"B" team, bħala parti mill-preprazzjoni għat-tħejjija tal-konfront kontra dak Ġermaniż, fi Munich, fis-6 ta' Marzu.

Iżda fl-ewwel ġimgħa ta' Frar, l-MFA ġiet innotifikata li l-Awstrijaċi kienu se jibagħtu l-aqwa forza, jiġifieri, l-ewwel skwadra.

Din l-aħbar ġriet bħal-leħħa ta' berqa madwar il-gżira fejn nisslet entużjażmu kbir fost id-dilettanti sportivi Maltin minkejja x-xettiċiżmu tagħhom kemm it-team Malti seta' jirreżisti għall-qawwa tal-Awstrijaċi.

Biżżejjed wieħed isemmi li minn dawk il-players li lagħbu fil-partita kontra Malta, bħal Leopold Barschandt, Karl Koller, Theodore Wagner, Kart Stotz, Paul Halla u Walter Haummer, kienu jifformaw parti mill-iskwadra Awstrijaka li spiċċat fit-tielet post fl-edizzjoni finali tat-Tazza tad-Dinja, 1954, li saret fl-Isvizzera, liema pożizzjoni kienet l-ogħla waħda fl-istorja tal-football Awstrijak.

Wara li fis-semi-finali kienu tilfu bl-iskor kbir ta' 6-1 kontra l-Ġermanja tal-Punent, fil-partita għat-tielet post kienu għelbu lill-Urugwaj bl-iskor ta' 3-1, fil-Hardturm Stadium, b'goals ta' Ernst Stojapal (16 pen), Ernst Ocwirk (49) u



Xellug: It-team Malti li lagħab kontra t-team qawwi tal-Awstrija li jidher hawn fuq



Il-Gvernatur ta' Malta, Sir Robert Laycock, jieħu b'id Salvinu Schembri qabel il-partita



Iż-żewġ timijiet ħerġin għall-partita



L-Awstrija jiftħu l-iskor minn auto-goal ta' Ġużi Bonnici

auto-goal ta' Luis Cruz (59) filwaqt li Juan Holberg (22) kien kiseb id-draw momentarju għall-Urugwajani.

Aktar minn hekk, it-tmien players li kienu nvoluti fl-istess partita, Bruno Englemeier, Ignaz Puschnik, Leopold Barschand, Ernest Kozlieck, Karl Stotz, Karl Koller, Paul Halla u Paul Kozlicek, kienu fl-iskwadra li ħadet sehem fl-edizzjoni finali tat-Tazza tad-Dinja 1958, fl-Isvezja, li iżda sfat eliminata fil-fażi tal-gruppi.

Il-logħba bejn Malta u l-Awstrija kellha tintlagħab, fl-24 ta' Frar, u għaldaqstant l-MFA kienet ħatret li Joe Griffiths bħala l-coach biex jgħaqqad l-aħjar nukleu ta' players tal-kampjonat Malti.

Matul il-ġimagħtejn ta' preparazzjoni, din il-partita kienet iċ-ċentru tal-kritika minn dawk li ddubitaw fil-players Maltin li ma seta' qatt ikun li b'xi mod setgħu jlaħħqu mal-ħeffa u l-qawwa tal-Awstrijaċi.

Kien hemm ħafna li antiċipaw telfa umiljanti u li kienet se tagħmel ħafna ħsara lil-logħba domestika. Oħrajn sostnew li "se nitilqu niġru qabel ma tgħallimna nimxu". Ftit kienu dawk li raw din il-partita mil-lat pożittiv u sostnew li l-MFA rat din il-logħba bħala opportunitá unika biex Malta titpoġġa fuq il-mappa internazzjonali tal-football.

L-Awstrijaċi waslu Malta, nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Frar, flimkien mar-referee Taljan, Signor Vincenzo Orlandini. L għada s-Sibt, għamlu sessjoni ta' taħriġ ħafif fl-Empire Stadium, fejn kellu jintlagħab dan il-konfront.

Mil-lat finanzjarju, l-organizzaturi bdew jiffaċċjaw bosta spejjeż li b'kollox kienu jlaħħqu madwar £2,000.

Għal dan il-għan, il-ħlas għad-dħul kien xi ftit għali meta l-ispettaturi kienu ħallsu medja ta' 7 xelini u 6 soldi, li kienu ekwivalent ta' €9 tal-lum.

Fil-ġurnata tal-partita, sa minn kmieni fil-għodu, is-sit tal-Empire Stadium, fil-Gżira, kien diġá qed jimtela bl entużjażmu tan-nies li riedu jkunu xhieda ta' din l-ewwel logħba internazzjonali uffiċjali.

Il-bibien tal-Istadium infetħu f'12.00 pm, u sas-1.30 pm, kien ippakkjat bl-ispettaturi li 17,421, kienu ħallsu għalkemm huwa stmat li l-attendenza kienet qabżet l-20,000.

Il-players taż-żewġ timijiet intlaqgħu bi briju f'atmosfera mill-aktar festiva iżda mas suffara inizjali tar referee Taljan, l-avversarji tal-Maltin mill-ewwel ħadu l-inizjattiva u wara kwarta logħob fetħu l-iskor meta kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn Joe Cilia u Ġużi Bonnici li fil-mument biex jantiċipaw lil Paul Halla, il-ballun ħabat ma' Bonnici u baqa' sejjer fix-xibka, bil-goalkeeper Victor Scerri megħlub

għal kollox.

Wara din il-ħasda, il-Maltin bdew jilagħbu aħjar u minkejja li l-Awstrijaċi kienu għal kollox superjuri, il-Maltin kienu effettivi fil-ħarbiet tagħhom fejn anke xeħtu lill-avversarji jiddefendu l-vantaġġ tagħhom.

Fil-bidu tat-tieni taqsima, il-Maltin ħarġu fuq l-offensiva u bil-partitarji warajhom, il-logħba saret waħda mill-aktar eċċitanti fejn l-avversarji dehru maħkuma mit-tensjoni. Iżda fl-istess waqt huma kellhom esperjenza kbira għal sitwazzjonijiet bħal dawn biex sikktu lil kull Malti meta skorjaw darbtejn oħra fi spazju ta' tmien minuti minn Theodor Wagner (72) u Walter Haummer (80).

Kull Malti preżenti kien qed jantiċipa umiljazzjoni fl-aħħar 10 minuti, iżda l-players Maltin kellhom ideat oħra meta bħal donnhom kienu trasformati għal kollox u b'logħob metikoluż ġiegħlu lill-avversarji jirtiraw lura.

Tliet minuti mit-tmiem, l-istadium sploda meta Tony Cauchi naqqas il-marġni tal-iskor wara li rċieva mingħand Sammy Nicholl li għadda bħal żiffa minn bejn Karl Stotz u Ignaz Pusnik.

Imbagħad fid-89 minuta, kien imiss lil Sammy Nicholl biex jixħet lill-partitarji Maltin f'dellirju ta' ferħ liema għajta tal-goal instemgħet mill-belt kapitali, Valletta, wara li ġie żmarkat minn George Jones wara li dan tal-aħħar qabeż lid-difensur avversarju, Stotz.

Bi ftit sekondi biex tispiċċa l-partita, il-Maltin kienu sfortunati li ma kisbux id-draw meta t-tentattiv ta' Lolly Borg ħabat mal-mimduda bil-goalkeeper, Bruno Englemeier, megħlub għal kollox.

Mas-suffara finali, ħadd mill-partitarji Maltin ma ried jitlaq mill-istadium u għal ħinijiet twal taw ovazzjoni tremenda lill-benjamini tagħhom li tant kienu jimmeritahom!

Iż-żewġ timijiet lagħbu b'din il-formazzjoni:

*Malta*: Victor Scerri *(Sliema W.)*, Joe Bonnici *(Sliema W.)*, Lolly Debattista *(Floriana)*, Ninu Calleja *(Sliema W.)* (George Jones – *Hamrun S.)*, Joe Cilia *(Valletta)*,

# L-MFA tħabbar serje ta' attivitajiet biex jiġi ċċelebrat is-60 anniversarju



Il-viċi-president tal-MFA, Matthew Paris, jindirizza l-konferenza stampa mmexxija mid-direttur tal-komunikazzjoni, Kevin Azzopardi

Biex tfakkar is 60 anniversarju mindu t-team nazzjonali Malti lagħab l-ewwel partita uffiċjali internazzjonali, l-MFA qed tippjana biex torganizza diversi avvenimenti u inizjattivi fix-xhur li ġejjin. Il-bidu ta' dan kollu, proprju l-bieraħ, kien festin għad-unur il-players Maltin li għamlu parti minn dik il-partita storika.

F'konferenza stampa, Dr Matthew Paris, Viċi President tal-MFA, li qed imexxi l-kumitat taċ-ċelebrazzjonijiet tas-60 anniversarju, ta dettalji tal-avvenimenti li hemm ippjanati:

"L-avvenimenti se jibdew fl-24 ta' dan ix-xahar, 60 sena wara din il-partita storika, u dawn se jibdew b'festin għad-unur l-ex-players nazzjonali ta' din il-partita tant popolari.

"Tifkiriet esklussivi u rigali li jfakkru s-60 anniversarju tal-partita ta' ħbiberija bejn Malta u l-Awstrija se jkunu preżentati lil dawn l-eroj veterani mill-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, u mis-Segretarju Ġenerali, Dr Angelo Chetcuti."

Waqt din il-konferenza tal-aħbarijiet, l-MFA nediet il-logo tas-60 anniversarju filwaqt li se jintwera wkoll filmat tal-partita bejn Malta u l-Awstrija.

Attivitajiet u inizjattivi oħra se jidħlu

Joe Cini *(Sliema W.)*, Lolly Borg *(Floriana)*, Salvinu Schembri *(Sliema W.)*, Tony Cauchi *(Floriana)*, Sammy Nicholl *(Sliema W.)*, Pullu Demanuele *(Floriana)* – *Coach*: Joe Griffiths

*Awstrija*: Bruno Engelmeier *(First Vienna)*, Ignaz Pusnik *(SC Kapfenberg)*, Leopold Barschand *(Wiener SC)*, Ernest Kozucek *(Wacker SK)*, *Karl* Stotz *(Wien)*, Karl Koller *(First Vienna)*, Paul Halla *(SK Rapid Vienna)*, Erick Hoff *(Wiener SC)* (Johann Buzek – *Wiener SC*), Theodor Wagner *(Wacker SK)*, Paul Kozlicek *(Wacker SK)*, Walter Haummer *(Wacker SK) - Coach: Josef Molzer*

*Referee:* Vincenzo Orlandini (Italja)

*Assistenti Referees:* Joe Galea, RMA (Malta), Maġġur Frederick Upfold, REME (Ingilterra)



Il-goalkeeper Malti, Victor Scerri, joħroġ għall-ballun fuq Gużi Bonnici u Walter Haummer



Sammy Nicholl (mhux fir-ritratt) jiskorja t-tieni goal tal-Maltin b'Karl Koller jipprova jsalva in extremis




Il-players taż-żewġ timijiet flimkien wara l-partita




Il-logo tas-60 anniversarju mindu t-team nazzjonali Malti lagħab l-ewwel partita uffiċjali

fis-seħħ, li jinkludu pubblikazzjoni kommemorattiva li qed titħejja mill-uffiċċju tal-komunikazzjoni tal-MFA, u żjarat minn membri allwali tal-timijiet nazzjonali fi skejjel u djar tat-tfal. Dan kollu se jkun qed iseħħ taħt il-programm 'Football For Life' tal-Assoċjazzjoni.

Is-'60 sena ta' futbol internazzjonali' ġiet magħżula bħala t-tema ta' din is-sena għall-MFA Awards, li se jsiru f'Mejju, u se tkun qed tingħata prominenza fit-tħejjijiet għal-logħba tant mistennija bejn Malta u l-Ingilterra, fl-1 ta' Settembru, li ġej.



# Pierluigi Collina

## jindirizza lill-uffiċjali kollha fis-settur tar-refereeing lokali

Għall-ewwel darba, l-uffiċjali u r-referee observers Maltin kellhom l-okkażjoni unika li jiltaqgħu ma' Pierluigi Collina, Chief Refereeing Officer tal-UEFA li għadu kif inħatar ukoll Chairman tal-FIFA Referees' Committee. Huwa kien f'pajjiżna wara li ġie mistieden mill-magażin tant popolari fuq livell internazzjonalli *The Economist* għall-'Gala Dinner' li sar f'lukanda ewlenija f'San Ġiljan.

Il-laqgħa fetħet bid-Direttur tar-Refereeing tal-MFA, Kevin Azzopardi, jirringrazzja lis-Sur Collina għad-disponibbiltá tiegħu għax minkejja li ma kienx Malta fuq xogħol relatat ma' football refereeing, aċċetta l-istedina tar-Refereeing Department. Min-naħa tiegħu, is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Dr Angelo Chetcuti, esprima l-apprezzament tal-Assoċjazzjoni għall-preżenza ta' personalità tal-ogħla kalibru u kwalità marbuta mar-refereeing, u ħa l-okkażjoni jifraħlu għall-kariga ġdida tiegħu fil-FIFA.

Pierluigi Collina esprima l-pjaċir tiegħu li jaqsam dak li jaf mal-udjenza preżenti u qal li bħala suġġett għażel li jindirizza l-"Modern Refereeing Preparation" li l-ingredjenti tiegħu biex persuna tasal li tkun referee tal-ogħla kwalità jinsabu fil-formula "talent + xogħol iebes = suċċess."

Waqt il-preżentazzjoni tiegħu – li kienet tinkludi dvd clips minn logħbiet tal-ogħla kompetizzjonijiet tal-UEFA u statistika dwar il-prestazzjonijiet tar-referees – Perluigi Collina qal li r-refereeing mhux kwistjoni ta' fortuna jew sfortuna, iżda hija msejsa fuq preparazzjoni għal-logħba li llum bħala bażi għandha erba' pilastri:

1. Saħħa Fiżika: taħriġ għal-logħba (mhux għat-test fiżiku), prevenzjoni li wieħed iweġġa' u xogħol iebes għal dehra fiżika xierqa.

2. Għarfien tal-Laws of the Game: bl-iskop dejjem għal titjib li persuna titgħallem mill-iżbalji.

3. Informazzjoni dwar il-logħba li tkun ser tiġi kontrollata: is-sistemi ta' logħob tat-timijiet (pożizzjonali, dirett jew kontrattakk); l-għanijiet





tat-timijiet, tattiċi waqt set-pieces, markament b'zona jew man-to-man; id distribuzzjoni tal ballun mill goalkeeper; throw-ins fit-tul għal ġewwa l-penalty area u analiżi tal-logħbiet (konsultazzjoni tal-UEFA platform fuq l-internet).

4. Teamwork: ir-referee bħala l-captain tat-team tal-uffiċjali tal-logħba (u joħroġ l-aqwa kontribut mill-kollegi tiegħu); komunikazzjoni (organizzata, preċiża, malajr u ċara); u l-logħba – qabel (kunfidenza), waqt (jitwarrab xi żball u tibqa' tħares 'l quddiem) u wara (tinstab ir-raġuni għal xi żball u t-tagħlima minnu).

Pierluigi Collina għalaq l-indirizz ferm interessanti tiegħu billi enfasizza li r-referees għandhom ir-responsabbiltà li jieħdu d-deċiżjonijiet u għandhom ikollhom il-kuraġġ li jeħduhom ... dejjem!

Ġie apprezzat li minkejja l-iskeda stretta li kellu, is-Sur Collina sab il-ħin jistiedon lill parteċipanti jressqu xi domandi li kellhom, u fil-fatt xi wħud ħatfu l-opportunità.

Hekk kif waħda mill-mistoqsijiet mir-referees preżenti liema kienet l-aktar logħba memorabbli dwar il-karriera tiegħu, ħafna kienu dawk li ħasbu li kien se jsemmi xi finali tal-UEFA Champions League jew tat-Tazza tad-Dinja, iżda huwa sorprendentament qal li jibqa' jiftakar b'mod partikolari logħbiet ta' meta kellu 17 jew 18-il sena, għax kienu proprju dawn il-logħbiet li tawh il-kuraġġ biex ikompli fid-dinja tar-refereeing għall-perjodu twil ta' żmien.

## Referees Talent & Mentor

# Parteċipanti Maltin jattendu għal seminar organizzat mill-FA Taljana



Is-Sibt l-4 u l-Ħadd, 5 ta' Frar 2017, is-Settur Tekniku tal-Associazione Italiana Arbitri (AIA – l-Assoċjazzjoni Taljana tar-Referees), taħt l-awspiċi tal-Konvenzjoni UEFA, organizza Talent & Mentor Seminar f'Coverciano (magħruf ukoll bħala 'Casa Italia').

L-MFA kienet mistiedna u rappreżentata mis-Settur tar-Refereeing permezz ta' Stephen Mallia (Kap ta' COREMALTA u responsabbli wkoll mill-Programm Talent & Mentor f'Malta) u Darryl Agius (referee li jifforma parti mill-Programm Talent & Mentor f'Malta), flimkien ma' 107 referees promettenti u s 27 mentors tagħhom minn 19-il reġjun fl-Italja.

Dan is-seminar intensiv u informattiv immens tmexxa b'mod impekkabbli minn Alfredo Trentalange – Uffiċjal Inkarigat mis-Settur Tekniku tal-AIA – u membri mill-istaff tekniku, bil-parteċipazzjoni importanti tal-instructor tal-UEFA u l-FIFA, Francesco Bianchi mill-Isvizzera.

Il-parteċipanti kienu ndirizzati wkoll mill-President tal-AIA, Marcello Nicchi, mill-membru tal-Kumitat Nazzjonali, Maurizio Gialluisi, kif ukoll ingħataw it-testimonjanzi u l-esperjenzi mir-referees tas-Serie A Giancarlo Calvarese, Marco Di Bello u Luca Pairetto. Stephen Mallia kien ukoll mistieden jindirizza lill-udjenza preżenti.

Fis-seminar ġew imressqa għar-riflessjoni diversi punti: ta' livell tekniku; dak etiku fir-rigward tas-sehem tar-referee fil-kommunità tal-football, fis-soċjetà b'mod ġenerali u fl-Assoċjazzjoni; u d-differenza bejn li wieħed jikkontrolla partiti u fil-verità x'inhu meħtieġ biex persuna ssir referee. Is-sessjonijiet kienu jinkludu waħda atletika fil-gym, u oħra f'wieħed mit-training grounds ta' Coverciano fejn il-parteċipanti esperjenzaw personalment il-'FIFA 11+ protocol' għall-prevenzjoni biex ma jweġġgħux.

Fi tmiem il-jumejn ta' dan is-seminar ferm interessanti, il-parteċipanti kollha ġew mogħnija b'esperjenza ta' livell għoli li għandha tiggwidahom u ssaħħaħhom fil-karriera tagħhom.










# It-team nazzjonali ta' Taħt il-21 sena, Silvio Vella u Esther Azzopardi

## fost il-finalisti tal-Għażliet Sportivi Nazzjonali

It-team nazzjonali ta' Taħt il-21 sena, il-coach Silvio Vella u l-ex referee Esther Azzopardi, ġew nominati għall-iSportMalta Awards - L-Għażliet Sportivi Nazzjonali.

Il-finalisti fis-seba' kategoriji prinċipali tħabbru fl-ewwel ġimgħa ta' dan ix-xahar, f'avveniment li ttella' f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, fejn proprju llum se ssir ukoll is-serata finali.

Fil-kategorija tat-Team tas-Sena, it-tragward li l-team nazzjonali ta' Taħt il-21 sena irnexxielu jilħaq – il-kisba ta' 11-il punt fil-fażi ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonati Ewropew, ġie nnotat mill ġurnalisti sportivi li l-voti tagħhom iddeterminaw il-kontestanti finalisti f'kull kategorija.

Silvio Vella, il-moħħ wara l-kampanja tas-suċċess li kellu t-team nazzjonali ta' Taħt il-21 sena li ntemmet b'rebħiet f'pajjiżna kontra l-Latvja u l-Moldova, f'Ottubru li għadda, jinsab fost il-finalisti għall-unur ta' Coach tas-Sena.

Esther Azzopardi li rtirat mir-refereeing matul ix-xahar li għadda, wara karriera mill-aqwa fejn għamlet isem għaliha nnifisha u anke għal pajjiżna fil-football tan-nisa, hija waħda minn sitt kandidati għall-unur ta' Uffiċjal tas-Sena.

L-ex referee tal-FIFA, li kienet fil-pool ta' referees għat-Tazza tad-Dinja tan-Nisa ta' Taħt is-17-il sena, li saret fil-Ġordan, issa qed tassumi rwoli ġodda fi ħdan id-Dipartiment tar-Referees tal-MFA.

Hija kkontrollat ukoll ħames partiti mir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew 2017 tan Nisa, liema fażi finali se ssir f'Lulju li ġej.

Barra minn hekk, Azzopardi kellha esperjenzi kbar oħra barra minn xtutna, fosthom, il-World University Games (Korea 2015); is-semi-finali bejn il-Ġermanja u l-Isvezja fil-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt id-19-il sena; fit-Tazza Algarve (2013); il-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew, fl-Isvezja (2013); is-semi-finali bejn il-Ġermanja u Franza tal-Kampjonat Ewropew (2010); logħbiet mit-Tazza Ċiprijotta (2010); il-logħba għat-tielet post tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena, fl-Isvizzera (2009), bejn in-Norveġja u Franza; ħames logħbiet mill-Fażi tal-Gruppi tal-UEFA Champions League (bejn l-2011 u l-2016) kif ukoll erba' partiti mill-Aħħar 32 u 13-il logħba mir-round ta' kwalifikazzjoni.

Fix-xena lokali, Esther Azzopardi, ikkontrollat 57 partiti fil-Kampjonat Premier wara li kienet għamlet id-debutt nhar id-29 ta' Novembru, 2009, fil-partita bejn Birkirkara v Msida SJ (4-1), fil-Hibernians Stadium.

Dan ifisser li t-tliet nominazzjonijiet li tefgħet l-MFA għall iSportMalta Awards - L-Għażliet Sportivi Nazzjonali, rnexxielhom jikkwalifikaw għall-fażi finali.

Dawn l-unuri jiġu organizzati b'mod konġunt bejn SportMalta u l-Għaqda Ġurnalisti Sport.

Futsal - Kampjonat Ewropew 2018

# Partiti diffiċli għat-team nazzjonali Malti




Taħt it-tmexxija tal-coach, Peter Pullicino, it-team nazzjonali tal-futsal, ħa sehem f'mini-tournament kwadrangulari validu mir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew 2018 liema fażi finali se ssir fis-Slovenja.

Dan il-mini-tournament intlagħab fil-belt ta' Varna, fil-Bulgarija, li kien jinkludi wkoll lit-team ospitu, flimkien mal-Albanija u l-Ingilterra.

L-ewwel partita kienet dik kontra l-Ingilterra fejn it-team Malti ħareġ tellief bl-iskor ta' 6-1. Kien Raoni Medina li fetaħ l-iskor għall-Ingliżi iżda Andy Mangion kiseb id-draw għall-Maltin. Imma l-avversarji daħlu jistrieħu fil vantaġġ ta' 4-1, bil-goals jaslu minn Luke Ballinger, Medina, li għaqqad id-doppjetta personali, u Maximilian Kilman.

Fit-tieni taqsima, l-Ingliżi skorjaw darbtejn oħra mingħajr risposta permezz ta' William Wallace u għal darb'oħra minn Kilman.

Fit-tieni partita, il-Maltin affrontaw lill-Bulgarija li kienu wkoll avversarji diffiċli, tant, li dawn tal-aħħar ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 6-1.

Wara taqsima sodisfaċenti li fiha l-Maltin sofrew goal wieħed biss minn Plamen Stoykov, huma sabuha aktar diffiċli wara l-mistrieħ hekk kif il-Bulgari skorjaw minn tripletta ta' Stoykov biż-żewġ goals l-oħra jaslu minn Martin Ivanov u Daniel Nestorov. Il-goal ta' konsolazzjoni għall-Maltin ġie skorjat minn Giancarlo Sammut, tliet minuti mit-tmiem.

Fit-tielet u fl-aħħar logħba, it-team Malti safa megħlub mill-Albanija bl-iskor ta' 3-2. Kienet l-aħjar prestazzjoni tal-Maltin, fejn daħlu jistrieħu fil-vantaġġ ta' 2-1, b'goals minn Carl Azzopardi u George Frendo wara li Narcis Alibegu poġġa lill-Albaniżi fil-vantaġġ.

It-tieni taqsima offriet spettaklu hekk kif l-avversarji tagħna kisbu d-draw minn Azem Brahimi - u meta kollox deher li l-partita kienet se tintemm fi draw, l-Albaniżi ħarġu rebbieħa b'goal skorjat minn Halim Selmanaj, proprju ftit sekondi qabel it-tisfira finali, biex eventwalment rebħu wkoll dan il-mini-tournament bi tliet rebħiet.

Ir-riżultati l-oħra kienu: Bulgarija v Albanija 1-7; Albanija v Ingilterra 5-1; Ingilterra v Bulgarija 4-1.

L-iskwadra Maltija kienet komposta minn: Neil Cuschieri (GK); Giancarlo Sammut; Jovica Milijic; Mark Zammit; Andy Mangion; Matthew Xerxen (GK); Carl Azzopardi; Glenn Bonello; Nicola Del Re; George Frendo; Melvin Borg; Xavier Saliba; Dylan Musu; Matthew Attard.

Staff Tekiniku: Head coach: Peter Pullicino; Team Manager: John Mizzi; Assistant Coach: Zeljko Ancic; Tabib: Daniel McKean; Fiżjoterapista: Adam Briffa; Kit Manager: Mark Sammut.



# Il-Kunsill tal-MFA jiddiskuti strateġija u regolamenti għall-ħarsien tat-tfal

Il-Malta Football Association iddiskutiet linji ta' gwida li għandhom iwasslu għall-implimentazzjoni ta' strateġija u regolamenti ġodda dwar ħarsien tat-tfal u adulti vulnerabbli fil-football.

Ir-regolamenti proposti ġew mfassla mis-*Safeguarding Officer* tal-MFA, Andrew Azzopardi, li ħadem fuq preżentazzjoni dettaljata tas-suġġett għall-Membri tal-Kunsill tal-MFA.

"Li tifel ikun f'ambjent sigur hu ta' importanza enormi għall-MFA," qal is-Sur Azzopardi fl-introduzzjoni.

"L-għan tar-regoli u l-istrateġija hu li nippromwovu ambjent sportiv sikur għat-tfal tagħna."

L-istrateġija għall-ħarsien tat-tfal hija bbażata fuq erba' pilastri, b'fuq quddiem: reklutaġġ ta' nies li tista' tafda, strateġija u taħriġ, li tittieħed azzjoni ġusta meta tinħtieġ u li jinħoloq spazju għall-vittmi biex jersqu 'l quddiem. Taħt ir-regolamenti li ġew diskussi matul il-laqgħa tal-lum, il-persuni kollha li għandhom pożizzjoni ta' fiduċja (imħallsin jew volontarji) se jgħaddu minn proċess li l-għan tiegħu huwa li jissalvagwardjaw lil kull min hu nvolut fil-football.

L-MFA hija kommessa li tipprevjeni kull forma ta' abbuż u prattika fqira u f'din il-linja u r-regolamenti proposti jagħtu saħħa lill-MFA biex tissalvagwardja t-tfal u l-adulti vulnerabbli. "Qed jiġi suġġerit li dan il-proċess ikun separat għall-mekkaniżmi tad-dixxipplina stabbilita peress li ż-żewġ proċessi se jitrattaw materji differenti," qal is-Sur Azzopardi.

"Filwaqt li l-proċess tradizzjonali dixxiplinari jistabbilixxi jekk persuna kisritx ir-regolamenti tal-MFA, l-eżerċizzju tas-*safeguarding* iħares lejn riskji potenzjali lit-tfal u adulti vulnerabbli."

Għal dan il-għan, hu maħsub li jinħoloq Bord ġdid tas-*safeguarding* biex jindirizza il-każijiet li jiġu rappurtati lill-uffiċjal tas-safeguarding. Qed ikun propost li l-membri kollha tal-Bord ikollhom l-esperjenza fil-protezzjoni tat-tfal.

Skond ir-regoli proposti, dan il-bord ikollu l-awtoritá johroġ ordnijiet kemm fuq bażi proviżorja kif ukoll permanenti. Kull sanzjoni tista' tiġi appellata permezz ta' proċess stabbilit. L-MFA se tkompli taħdem mill-viċin mal-Pulizija u l-aġenziji ta' appoġġ għat-tfal biex dejjem tipproteġi lill-minuri u adulti vulnerabbli.

# Is-servizz ta' **Identity Malta** fl-uffiċini tal-MFA milqugħ tajjeb



L-isforzi li għamlu flimkien il-Malta Football Association u l-Identity Malta sabiex jiffaċilitaw il-proċess tal-applikazzjoni tal-permessi tax-xogħol għall-players li jiġu f'pajjiżna minn barra l-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea qed jagħti r-riżultat mixtieq.

Il-prattika l-ġdida li rappreżentanti minn Identity Malta jżuru l-uffiċini tal-MFA darba f'ġimgħa biex jipproċessaw applikazzjonijiet ta' dawn il-permessi tax-xogħol tejbet mhux ftit dan l-proċess li issa qed jieħu inqas ħin minn qabel.

Is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Dr Angelo Chetcuti **(ritratt)**, esprima l-apprezzament tal-Assoċjazzjoni għall-għajnuna u l-assistenza li qed tagħti l-Identity Malta. Huwa żied jgħid li dawn qegħdin jifhmu l-bżonnijiet speċifiċi tal-clubs tal-football u l-players meta japplikaw għall-permess tax-xogħol u dan kollu qed jilgħab irwol kruċjali f'dan l-iżvilupp pożittiv li kien milqugħ tajjeb ħafna minn kulħadd.

Is-servizz il-ġdid provdut minn Identity Malta fl-uffiċini tal-MFA, fil-Millennium Stand tal-Istadium Nazzjonali, ingħata matul l-aħħar suq tat-trasferimenti ta' Jannar.

Dr Chetcuti qal li r-rispons mill-partijiet kollha konċernati, speċjalment il-clubs u l-players, kien wieħed inkoraġġanti.

"F'isem l-MFA u l-familja kollha tal-football, nixtieq pubblikament nirringrazzja lill-Identity Malta għall-koperazzjoni u l-assistenza tagħhom," qal Dr Chetcuti fil-Kunsill tal-MFA li sar aktar kmieni f'dan ix-xahar.

## MATERJI OĦRA

L-MFA qed issaħħaħ l-operat tagħha bil-ħatra ta' sitt diretturi li huma responsabbli għal setturi varji fi ħdan l-istess Assoċjazzjoni. Dawn huma Joe Cassar (dipartiment internazzjonali, avvenimenti u ospitalità), Kevin D. Azzopardi (komunikazzjoni), Emanuel Cassar (infrastruttura u proġetti), Norman Saliba (dipartiment kummerċjali u marketing), Robert Gatt (Ċentru Tekniku) u Kevin Azzopardi (refereeing).

Fil-laqgħa tal-Kunsill intqal li, mill-istaġun li ġej, il-clubs membri tal-Gozo Football Association se jkun suġġetti għar-regolamenti tal-MFA dwar liċenzjar tal-clubs u regolamenti tat-transfers. Wara diversi diskussjonijiet li ħadu diversi xhur, l-MFA u l-GFA laħqu ftehim fuq diversi materji ta' interess komuni, liema ftehim jirrikonoxxi r-reġjonalità tal-GFA.




# L-ewwel McDonalds FootballPlus Festival għall-2017 isir fil-ground ta' Zurrieq FC

L-avveniment inawgurali tal-McDonalds FootballPlus for Kids Festival sar fiż-Zurrieq Ground, nhar il-Ħadd, 12 ta' Frar. Dawn l-avvenimenti qed ikomplu wara s-suċċessi tas-sena l-oħra.

Disa' nurseries ipparteċipaw fil-festival għat-timijiet tal-Under 11 miż-Żurrieq, Birżebbuġa, Lija/Iklin, Melita, Msida, Qormi, Safi, San Ġwann u Valletta.

Erba' Kids festivals oħra tal Under 11 McDonalds Football Plus se jkunu organizzati fix-xhur li ġejjin bil-kampanja tilħaq il-qofol tagħha fl 1 ta' Mejju, meta l-avveniment finali jsir fil-Victor Tedesco Stadium, fil-Ħamrun.

Dan il-programm edukattiv, għas-subien u għall-bniet, tnieda s-sena l-oħra mill-Malta Football Association, b'kollaborazzjoni mal-Youth Football Association u bl-appoġġ tal-McDonalds (Malta) Limited.

L-erba' għanijiet prinċipali tal-McDonalds FootballPlus for Kids huma t-tkabbir u r-ritenzjoni fost il-ġenerazzjoni ż-żgħira, il-promozzjoni tal-logħba lokali, it-titjib tal-immaġini tal-logħba u l-iżvilupp ta' players tal-football aħjar.

Minbarra li tagħti lit-tfal l-opportunitá li jieħdu pjaċir jilagħbu l-football, dawn il-festivals jinkludu fihom attivitajiet oħra, bħal tours edukattivi u kulturali f'postijiet viċin fl-istess lokalitajiet, is-saħħa fil-football u avviżi oħra ta' sigurtá, ecc.

It-tema soċjali tal-festival hija "Teamwork makes the dream work".

Id-dati tal-festival l-oħra huma:

Il-Ħadd, 19 ta' Marzu, 2017 - Mġarr Football Ground
Il-Ħadd, 9 ta' April, 2017 - Zebbug Football Ground
Il-Ħadd, 23 ta' April, 2017 - Dingli Football Ground
It-Tnejn, 1 ta' Mejju, 2017 - Victor Tedesco Stadium, Ħamrun

## Football tan-Nisa: Partiti ta' Ħbiberija

# Telfa u rebħa għal Malta kontra l-Litwanja




Il-formazzjoni inizjali tat-team Malti li lagħbet kontra l-Litwanja fit-tieni logħba

Matul dan ix-xahar, it-team nazzjonali tan-nisa lagħab żewġ partiti ta' ħbiberija kontra l-Litwanja li servew bħala parti mill-preparazzjoni għall-Aphrodite Cup, li se tintlagħab, f'Ċipru, f'Marzu, u l-partiti kontra l-Greċja, l-Albanija u l-Kosovo, mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja, 2019, bejn is-6 u l-11 ta' April.

Fl-ewwel partita, it-team immexxi mill-coach Mark Gatt, ħareġ tellief bl-iskor ta' 3-0, fejn il-Litwani kienu territorjalment dominanti u gawdew ukoll ħafna mill-pussess tal-ballun biex il-Maltin kienu kostretti jirtiraw lura. Barra minn hekk, l-avversarji dehru wkoll teknikament u atletikament aħjar biex il-Maltin dehru wkoll xi ftit inferjuri biex jirreżistu għall-pressjoni kontinwa tagħhom.

Iżda fit-tieni partita l-Maltin kienu team trasformat fejn ippreżentaw prestazzjoni brillanti biex ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 1-0 u li kieku kienu aktar preċiżi u inċiżivi quddiem il-lasti avversarji, l-iskor seta' faċilment kien akbar. Din id-darba, il-Maltin kienu tattikament impostati ferm tajjeb u kkontrollaw u antiċipaw l-attakki u l-furja tal-Litwani.

**L-ewwel partita:**

Sa mit-tisfira inizjali, il-Litwani mill-ewwel urew l-intenzjonijiet tagħhom u wara biss 10 minuti fetħu l-iskor meta SIMONA VELICKTAITE rċeviet through-pass min-nofs il-ground u b'xutt fil-baxx għelbet lil Janice Xuereb fil-lasti Maltin.

F'nofs l-ewwel taqsima, il-Maltin kienu fortunati li ma sofrewx it-tieni goal meta l-free-kick ta' Liucija Vaitukaityte, stampa mal-wieqfa.

Iżda eżatt wara l-mistrieħ, kien imiss lill-Maltin li jkunu sfortunati meta l-free-kick ta' Rachel Cuschieri minn barra l-kaxxa ħabat mal-mimduda bil-goalkeeper avversarja megħluba għal kollox ... u mir-rebound, Stephania Farrugia naqset milli ssib ix-xibka.

Fl-64 minuta, il-Litwani rebħu penalty meta Charlene Zammit messet il-ballun b'idha fil-kaxxa ... biex mill-11-il metru l-awtriċi tal-ewwel goal, SIMONA VELICKTAITE, ma żbaljatx biex b'hekk irreġistrat doppjetta personali.

Il-viżitaturi għamluhom tlieta biex issiġillaw ir-rebħa fit-72 minuta permezz ta' KAMILE VAICIULAITYTE li approfittat minn żball ta' Janice Xuereb u tefgħet il-ballun fix-xibka.

**It-tieni partita:**

Kienu l-Maltin li ħolqu l-ewwel periklu, fit-13-il minuta, meta l-free-kick ta' Shona Zammit ġie ppanċjat mill-goalkeeper Litwana, Greta Kaselyte. Il-Maltin

Ritratti: Tonio Magro

komplew jattakkaw u, tliet minuti biss wara, Brenda Borg ipprovat tillobja fuq Kaleyte iżda l-ballun intemm barra.

Fl-20 minuta reġgħet kienet Shona Zammit li ħolqot il-periklu meta x-xutt tagħha minn tarf il-kaxxa ntemm barra.

Il-Litwani rrispondew għall-ewwel darba, żewġ minuti biss wara, permezz ta' xutt dgħajjef minn barra l-kaxxa ta' Dovile Gaileviciute li iżda ġie milqugħ mill-goalkeeper Maltija, Rachelle Lyn Borg.

Fil-ftuħ tat-tieni taqsima, il-Maltin komplew fejn ħallew qabel il-mistrieħ u fil-55 minuta rebħu penalty, meta Simona Velicktaite, dehret tmiss il-ballun b'idha biex ir-referee Ċiprijotta, Sofia Karagiorgi, ippuntat lejn nofs il-kaxxa l-kbira ... biex mill-11-il metru CHARLENE ZAMMIT xeħtet lill-goalkeeper avversarja fuq in-naħa l-ħażina.

Il-kumplament tal-partita kien ikkaratterizzat minn ħafna logħob f'nofs il-ground fejn il-Maltin rażżnu u ma taw l-ebda spazju lill-avversarji.



Alishia Sultana (Malta) miżuma minn Ugne Simtaite (Litwanja) - (It-tieni logħba)



Il-formazzjoni inizjali tat-team Malti li lagħbet kontra l-Litwanja fl-ewwel logħba



Charlene Zammit (Malta) tattakka lil Rita Mazukelyte (Litwanja) - (it-tieni logħba)

[redacted]

08.02.2017 - 18.30 hrs

| | |
|---|---|
| **Malta** | **0** |
| **Litwanja** | **3** |

S. Velicktaite 10, 64 pen, K. Vaiciulaityte 72

HT 0-1 **Centenary Stadium**

**Malta** – 1-Janice Xuereb (23-Jodie Attard 85), 2-Gabriella Zahra (18-Emma Xuereb 30), 3-Ann-Marie Said (19-Yasmeen-Marie Vella 82), 4-Kim Parnis (13-Mandy De-bono 81), 5 Stephania Farrugia, 8 Rachel Cuschieri, 9 Martina Borg (6-Dorianne Theuma 65), 10-Raina Giusti (7-Ylenia Carabott 35), 22-Rebecca Bajada (20-Alishia Sultana 68), 14-Shona Zammit, 15-Charlene Zammit

Coach – Mark Gatt

**Litwanja** – 12 Greta Kaselyte, 21-Liucija Vaitukaityte (17-Gabija Gedgaudaite 76), 5-Rita Mazukelyte (19-Paulina Potapova 61), 18-Oksana Imanalijeva, 15-Ugne Smitaite (19-Paulina Narbutaite 74), 7-Dovile Gaileviciute (16-Anika Kyzaite 70), 13-Vestina Neverdauskaite, 10-Simona Velicktaite, 8-Viktorija Budryte, 11-Samanta Karasiovaite (4-Algimante Mikulaite 40), 14-Milda Liuzinaite

Coach – Rimantas Viktoravicius

**Referee** – Sofia Karagiorgi (Cipru)

**Assistenti** – Alan, Camilleri, Luke Portelli (Malta)

**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit (Malta)

**Ammoniti** – S. Karasiovaite, U. Smitaite (L)

## Partita ta' Ħbiberija (2)

10.02.2017 - 11.00 hrs

| | |
|---|---|
| **Malta** | **1** |
| C. Zammit 55 pen | |
| **Litwanja** | **0** |

HT 0-0 **Centenary Stadium**

**Malta** – 12-Rachel Borg, 3-Ann-Marie Said, 4-Kim Parnis, 5-Stephania Farrugia, 8-Rachel Cuschieri (19-Yasmeen-Marie Vella 46), 9-Martina Borg (13-Mandy Debono 77), 14 Shona Zammit (2 Gabriella Zahra 46), 15-Jade Flask, 16-Charlene Zammit, 17-Brenda Borg (20-Alishia Sultana 37), 18-Emma Xuereb (6-Dorianne Theuma 67)

Coach – Mark Gatt

**Litwanja** – 2-Greta Kaselyte, 2-Liucija Vaitujaityte, 5-Rita Mazukelyte (19-Pau-lina Narbutaite 76), 18-Oksana Imanalijeva (9-Paulina Potapova 66), 4-Algimante Mikutaite, 7-Dovile Gaileviciute, 13-Vestina Neverdauskaite (15 Ugne Smitaite 46), 10-Simona Velicktaite, 8-Viktorija Budryte, 11-Samanta Karasiovaite (17-Gabija Gedgaudaite 85), 14-Milda Liuzinaite

Coach – Rimantas Viktoravicius

**Referee** – Sofia Karagiorgi (Cipru)

**Assistenti** – Roberto Vella, Chris Francalanza (Malta)

**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant (Malta)

**Ammoniti** – M. Borg (M); M. Liuizinaite, U. Smitaite (L)

KAMPJONAT PREMIER




Il-goalkeeper Philip Schranz ta' Tarxien R. megħlbu minn Gilmar Ribeiro Da Silva (Hibernians)

# Hibernians itemmu t-tieni round fil-quċċata tal-klassifika

Wara li Balzan illidjaw il-klassifika sa min-nofs Diċembru, fit-22 ġurnata tal-Kamponat BOV Premier, Hibnernians reġgħu telgħu fil-quċċata tal-klassifika.

Dan minħabba li filwaqt li huma għelbu lil Tarxien Rainbows bl-iskor ta' 1-0, Balzan sfaw megħluba minn Sliema Wanderers bl-iskor ta' 2-1 biex it-tielet u l-aħħar round ta' dan l-istġun għandu jkun wieħed mill-aktar interessanti hekk kif Valletta telgħu fit-tielet post, segwiti minn Floriana u Birkirkara rispettivament.

Iżda matul dawn l-aħħar erba' ġimgħat kif kien ir-rekord ta' kull team u min kiseb l-aktar punti?

F'din il lista qed jiġi analizzat ir-rekord ta' kull team f'ordni alfabetiku. In-numru fil-parentesi jindika l-pożizzjoni ta' kull team:

**Balzan (2)** - kisbu seba' punti minn massimu ta' 12 fejn irreġistraw żewġ rebħiet kontra St Andrew's (1-0) u Hamrun S. (1-0), ġew miżmuma minn Tarxien R. (2-2) u tilfu kontra Sliema W. (1-2).

**Birkirkara (5)** - kisbu sitt punti - meta rebħu l-konfronti kontra Hibernians (2-1) u Gzira U. (2-1) u sfaw megħluba minn Valletta (0-1) u Floriana (1-2).

**Floriana (4)** - irreġistraw sitt punt - meta għelbu lil Mosta (4-0) u lil Birkirkara (2-1) iżda tilfu kontra Sliema W. (1-3) u Gzira U. (3-4).

**Gzira Utd (10)** - kisbu sitt punti - meta rebħu lil Floriana (4-3) u lil St Andrew's (3-2) filwaqt li tilfu kontra Hibernians (0-3) u Birkirkara (1-2).

**Hamrun S. (8)** - kisbu tliet punti - rebħa kontra Mosta (3-0) iżda tilfu t-tliet konfronti kontra Pembroke A. (0-1), Balzan (0-1) u Valletta (0-2).

**Hibernians (1)** - irreġistraw disa' punti - hekk kif għelbu lil Gzira U. (3-0), St Andrew's (2-1) u lil Tarxien R. (1-0) iżda sfaw megħluba minn Birkirkara (1 2).

**Mosta (12)** kisbu tliet punti - meta għelbu lil Sliema W. (2-1) iżda sofrew tliet telfiet kontra Hamrun S. (0-3), Floriana (0-4) u Pembroke A. (0-5).

**Pembroke A. (11)** - kellhom l-aqwa xahar li fih irreġistraw seba' punti meta rreġistraw żewġ rebħiet kontra Hamrun S. (1-0) u kontra Mosta (5-0), spiċċaw fi draw kontra Sliema W. (1-1), u tilfu kontra Tarxien R. (1-7).

**Sliema W. (6)** - irreġistraw seba' punti - meta għelbu lil Floriana (3-1) u Balzan (2-1), ġew miżmuma fi draw minn Pembroke A. (1-1) u sfaw megħluba minn Mosta (2-1).

**St Andrew's (9)** - kisbu punt wieħed biss meta spiċċaw fi draw ta' 1 1 kontra Valletta u sfaw megħluba minn Balzan (0-1), Hibernians (1-2) u Gzira U. (2-3).

**Tarxien R. (7)** irreġistraw ħames punti - rebħu lil Pembroke A. (7-1), spiċċaw fi draw kontra Balzan (2-2) u Valletta (1-1) u sfaw megħluba minn Hibernians (0-1).

**Valletta (3)** - kisbu tmien punti - b'żewġ rebħiet fuq Birkirkara (1-0) u Hamrun S. (2-0) u ġew miżmuma minn St Andrew's (1-1) u Tarxien R. (1-1).

Fuq nota negattiva, mill-istaġun li għadda, l-attendenzi naqqsu u għaldaqstant wieħed jawgura li f'dan l-aħħar round l-ispettaturi jiżdiedu biex jikber l-interess għall-aħħar ġirja fit-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu.




**Taqtiegħa għall-ballun bejn Juan Corbolan (Gzira U.) u Ivan Paz (Pembroke A.)**

**KIF JINSABU**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 22 | 14 | 4 | 4 | 35 | 19 | 46 |
| Balzan | 22 | 13 | 6 | 3 | 40 | 25 | 45 |
| Valletta | 22 | 11 | 8 | 3 | 31 | 16 | 41 |
| Floriana | 22 | 11 | 6 | 5 | 39 | 24 | 39 |
| Birkirkara | 22 | 11 | 4 | 7 | 41 | 21 | 37 |
| Sliema W. | 22 | 9 | 4 | 9 | 28 | 27 | 31 |
| Tarxien R. | 22 | 7 | 8 | 7 | 31 | 29 | 29 |
| Hamrun S. | 22 | 8 | 2 | 12 | 32 | 40 | 26 |
| St Andrew's | 22 | 5 | 7 | 10 | 25 | 34 | 22 |
| Gzira U. | 22 | 5 | 4 | 13 | 23 | 37 | 19 |
| Pembroke A. | 22 | 4 | 5 | 13 | 25 | 46 | 17 |
| Mosta | 22 | 3 | 4 | 15 | 13 | 45 | 13 |






**Lemin - Mario Fontanella (Floriana) jegħleb lil Henry Bonello (Birkirkara)**

**Xellug - Paltemio Barbetti (Pembroke A.) jaqbeż lil Kurt Magro (Mosta)**

# KAMPJONAT PREMIER















*Lemin minn fuq*
Saturday Nanapere (Hamrun Spartans) jipprova jisraq il-ballun lil Steve Borg (Valletta)

Jean Paul Farrugia (Sliema W.) fl azzjoni kontra Pembroke A.

Azzjoni bejn Ian Azzopardi (Gzira U.) Edward Herrera (Birkirkara)

Timothy Tabone Desira (Hibernians) segwit minn Felix Udoh (St Andrew's)

*Xellug minn fuq*
Ebiabowei Baker (Tarxien R.) segwit minn Maximiliano Velasco (Valletta)

Igor Misan (Hamrun S.) jiddefendi l-ballun minn Paul Fenech (Balzan)

Neil Frendo (Mosta) ittakiljat minn Clyde Borg (Floriana)



Gilmar Ribeiro Da Silva jiċċelebra l-goal li skorja għal Hibernians kontra Tarxien Rainbows

# Min Qed Jiskorja

**16** – Bojan Kaljevic (Balzan).

**11** – Mario Fontanella (Floriana); Jake Grech (Hamrun S.).

**9** – Vito Plut (Birkirkara); Jurgen Degabriele (Hibernians).

**8** – Enrico Chiesa (Floriana); Alex Nilsson (Tarxien R.).

**7** – Ignacio Varela (Floriana); Jean Paul Farrugia (Sliema W.); Jhonnattan Benites de Conceicao (Valletta).

**6** – Srdan Dimitrov (Birkirkara); Frank Temile, 5 għal Birkirkara (Sliema W.).

**5** – Matteo Piciollo (Balzan); Amadou Samb, Haruna Garba, Massimiliano Giusti (Hamrun S.); Jorge Pereira da Silva (Hibernians); Njongo Priso (Mosta); Daniel Ponce de Leon Garcia (Tarxien R.); Federico Falcone (Valletta).

**4** – Abdelkarim Nafti (Balzan); Jean Pierre Mifsud Triganza (Hamrun S.); Juan Carlos Corbolan (Gzira U.); Clayton Failla, Bjorn Kristensen, Jorge Pereira da Silva (Hibernians); Denni Rocha dos Santos, Salomon Wisdom (Sliema W.); Joseph Farrugia (St Andrew's); Alex de Paixo Alves, Julian Galea (Tarxien R.); Leandro Aguirre (Valletta).

**3** – Alfred Effiong, Paul Fenech, Alan da Silva Souza (Balzan); Edward Herrera (Birkirkara); Andrew Cohen, 1 għal Hibernians, Ellinton Morais, Antonio Macheda de Quelroz (Gzira U.); Jorge Mesqueu Neto (Hamrun S.); Jackson Lima Sequero, Rodolfo Soares (Hibernians); Keymar Victor Lucky Oseghali, David Reid (Mosta); Alex Muscat (Sliema W.); Ziga Kostrevec, Enmy Pena Beltre, Ivan Paz, 1 għal Gzira U. (St Andrew's), Triston Caruana (Tarxien R.); Santiago Malano (Valletta).

**2** – Mislav Andelkovic, Cain Attard, James Brincat, Gareth Sciberras, Ryan Scicluna (Birkirkara); Ryan Camenzuli, Enzo Ruiz (Floriana); Ian Azzopardi, 1 għal Valletta, Andrew Cohen, 1 għal Hibernians, Louis Rene Zoma (Gzira U.); Patrick Texeira Maia (Hamrun S.); Momodou Jallow (Hibernians); Adrian Borg, Asani Djelili, Darren Falzon, Jhonatan Bernardo Mariano, Stefan Racic (Pembroke A.); Marko Potezika (Sliema W.); Michael Johnson, Karlo Kesinovic, Godwin McKay, Ivan Paz, 1 għal Gzira U. (St Andrew's); Ebiabowei Baker (Tarxien R.); Llywelyn Cremona, Michael Mifsud, Luke Montebello, 1 għal Pembroke A., Uchenna Umeh (Valletta).

**1** – Terence Agius, Samir Arab, Lydon Micallef, Bruno Giglio de Oliveira (Balzan); Nikola Vukanac (Birkirkara); Matteo Desira Buttigieg, Christian Bubalovic, Matthew Guillaumier, Predrag Jovic (Birkirkiara); Sebastian Nayar, Jurgen Pisani, Steve Pisani, Maurizio Vella (Floriana); Ige Abdullahi Adeshina, Souleymane Diamoutene, Ricardo Correa, Joceano da Silva Santos, Roberto de Pinho de Souza, Moises Avila Perez, Yanis Tonna, Louis Rene Zome (Gzira U.); Johann Bezzina, Gilmar Ribeiro dos Santos, Brandon Paiber, Jonathan Pearson, Juan Manuel Varea (Hibernians); Zachary Brincat, Tonci Radovnikovic, Maret Vlcek (Mosta); Paltemio Barbetti, Adrian Borg, Arber Dhrami, Zoran Levnaic, Borche Manevski, Daniane Jawad, Mano Micallef, Andrea Scozzese, Raphael Kooh Sohna (Pembroke A.); Armando Veira dos Santos, Ryan Spiteri (Sliema W.); Ryan Darmanin, Aiden Friggieri, Kyrian Nwoko, Jacob Walker (St Andrew's); Claudio Frances, Sergio Fernandez Prendes, Matthew Tabone, Daniel Zerafa (Tarxien R.); Jean Borg, Tomas Redzinevicius, Roderick Briffa, Romeo Romao (Valletta).

**Auto-Goals (14)** – Brandon Muscat (Pembroke A.) v Floriana 1-2; Ryan Camilleri (Valletta) v Sliema W. 2-1; Steve Bezzina (Balzan) v Pembroke A. 2-1; Andrei Agius (Hibernians) v Pembroke A. 2-1; Christian Maldini (Hamrun S.) v Sliema W. 0-3; Steve Bezzina (Balzan) v Birkirkara 0-3; Emerson Vella (Mosta) v Pembroke A. 0-3; Luca Martinelli (Mosta) v Pembroke A. 0-3; Matthew Tabone (Tarxien R.) v Birkirkara 1-3; Enzo Ruiz (Floriana) v Balzan 3-1; Jackson Lima Sequeiro (Hibernians) v Balzan 1-2; Philip Ciantar (Hamrun S.) v Tarxien R. 2-3; Marko Potezika (Sliema W.) v Hamrun S. 1-2; Alex Cini (Floriana) v Sliema W. 1-3.

# KAMPJONAT PREMIER

## II Round

**Logħba Nru 109 - 21.01.2017 - 14.00 hrs**

**St Andrew's** 0

**Balzan** 1
B. Giglio De Oliveira 24

HT 0-1 **National Stadium**

**St Andrew's** – 22-Jake Galea, 15-Michael Johnson, 16-Karlo Kesinovic, 5-Che Bong Won, 2-Enmy Manuel Pena Beltrè, 11-Joseph Farrugia, 4-Dale Camilleri (25-Nenad Belacevic 85), 13-Felix Udoh, 14-Kyrian Nwoko, 3-Godwin McKay (17-Jacob Walker 81), 7-Ziga Kastrevec (19-Ante Bakmaz 76)
*Coach* – Danilo Doncic
**Balzan** – 1-Christian Cassar, 50-Bruno Giglio De Oliveira, 86-Bojan Kaljevic, 5-Samir Arab, 7-Lydon Micallef (20-Terence Agius 67), 10-Dylan Grima, 17-Alfred Effong, 18-Anderson De Barros, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 8-Paul Fenech (88-Sean Cipriott 90), 9-Matteo Piciollo (42-Alan Da Silva Souza 58)
*Coach* – Oliver Spiteri
**Referee** – Trustin Farrugia Cann
**Assistenti** – Jurgen Spiteri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit
**Ammoniti** – Z. Kastrevec (SA), D. Grima, P. Fenech (B)

## II Round

**Logħba Nru 110 - 21.01.2017 - 16.00 hrs**

**Birkirkara** 0

**Valletta** 1
S. Malano 27

HT 0-1 **National Stadium**

**Birkirkara** – 1-Henry Bonello, 3-Christain Bubalovic, 4-Gareth Sciberras, 6-Matthew Guillaumier (21-Ryan Scicluna 46), 7-Mislav Andelkovic, 10-Srdan Dimitrov, 11-Gonzalo Malan, 14-Vito Plut, 15-Nikola Vukanac, 22-Cain Attard, 32-Gary Muir (19-Joseph Zerafa 63)
*Coach* – Nikola Jaros
**Valletta** – 29-Dziugas Bartkus, 2-Jonathan Caruana, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano (22-Nicholas Pulis 89), 20-Tomas Radzinevicius (11-Luke Montebello 62), 21-Llywelyn Cremona, 23-Claudio Pani, 24-Umeh Uchenna Calistus (16-Jean Borg 76), 25-Leandro Aguirre, 90-Romeu Pericles Romao
*Coach* – Paul Zammit
**Referee** – Malcolm Spiteri
**Assistenti** – Luke Portelli, Chris Azzopardi
**Raba' Uff.** – Peter Abela
**Ammoniti** – G. Muir, G. Malan (B), L.Aguirre, C. Pani (V)

## II Round

**Logħba Nru 111 - 22.01.2017 - 14.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 7
D. Ponce 9, 53, A. Nilsson 11, 70, A. Paixao Alves 24, 36, C. Frances 90

**Pembroke Athleta** 1
D. Jawad 62

HT 4-0 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – 12-Philip Schranz, 5-Emerson Marcellina, 7-Triston Caruana, 8-Daniel Ponce De Leon Garcia, 9-Alex Nilsson, 10-Ayrton Azzopardi (11- Dylan Micallef 68), 16-Sergio Fernandez Prendes, 17-Daniel Zerafa, 18-Alex Da Paixao Alves (33-Claudio Daniel Frances 55), 21-Kurt Zammit (6-Julian Galea 55), 23-Sasha Borg
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Pembroke A.** – 1- Argyris Roppas, 8-Daren Falzon, 9-Arber Dhrami, 5-Owen Bugeja, 20-Adrian Borg (16-Brooke Farrugia, 57'), 77-Iraklis Roppas (6 Miguel Attard, 79'), 94-Stevan Racic, 7-Panagiotis Giannopoulos, 2-Andreas Scozzese (captain), 14-Daniane Jawad, 17-Sunday Eboh
*Coach* – Artim Shaqiri
**Referee** – Stefan Pace
**Assistenti** – Roberto Vella, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – A. Borg (PA)

## II Round

**Logħba Nru 112 - 22.01.2017 - 14.00 hrs**

**Gzira United** 0

**Hibernians** 3
J. Da Silva Pereira 43, M. Jallow 62, 86

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xgħajra | 11 | 8 | 0 | 3 | 20 | 14 | 6 | 24 |
| Marsaskala | 11 | 7 | 2 | 2 | 22 | 10 | 12 | 23 |
| Swieqi | 11 | 7 | 2 | 2 | 24 | 15 | 9 | 23 |
| Mtarfa | 11 | 5 | 3 | 3 | 25 | 17 | 8 | 18 |
| Mgarr | 11 | 2 | 4 | 5 | 9 | 16 | -7 | 10 |
| Dingli | 11 | 2 | 4 | 5 | 8 | 16 | -8 | 10 |
| Zurrieq | 11 | 3 | 1 | 7 | 11 | 21 | -10 | 10 |
| Marsaxlokk | 11 | 1 | 2 | 8 | 12 | 22 | -10 | 5 |

## Kampjonat APS BANK U17
( Klassifiki kif jidhru sal 15 ta' Frar 2017)

L-istess sitwazzjoni tidher fil-Kampjonati U17, fejn St Andrew's jinsabu qed jirrepetu dak li għamlu l-istaġun li għadda, bit-team ta' Bikirkara ikollu punt inqas. F'Sezzjoni U17B, it-timijiet ta' Paola Hibs u Floriana jinsabu fl-istess sitwazzjoni li jinsabu l-istess żewġ timijiet fil-Kampjonati U15B. Kollox ma' kollox dan kollu jindika livell ta' bilanċi fil-klassifiki. Wieħed irid jistenna biex jara jekk ikunx hemm timijiet li fl-aħħar ġranet ikunu ta' sorpriża.

| Under 17 - Section A | P | W | D | L | F | A | +/- | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St. Andrews | 9 | 7 | 0 | 2 | 23 | 8 | 15 | 21 |
| Birkirkara | 9 | 6 | 2 | 1 | 25 | 9 | 16 | 20 |
| Valletta | 9 | 5 | 1 | 3 | 14 | 10 | 4 | 16 |
| Mosta | 9 | 4 | 1 | 4 | 16 | 10 | 6 | 13 |
| Pieta | 9 | 2 | 5 | 2 | 8 | 7 | 1 | 11 |
| Hamrun | 9 | 2 | 2 | 5 | 12 | 27 | -15 | 8 |
| San Gwann | 9 | 1 | 3 | 5 | 7 | 16 | -9 | 6 |
| Balzan | 9 | 1 | 2 | 6 | 12 | 30 | -18 | 5 |

| Under 17 - Section B | P | W | D | L | F | A | +/- | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Paola Hibs | 9 | 6 | 2 | 1 | 21 | 10 | 11 | 20 |
| Floriana | 9 | 6 | 2 | 1 | 16 | 6 | 10 | 20 |
| Zebbug | 9 | 5 | 2 | 2 | 10 | 6 | 4 | 17 |
| Qormi | 9 | 4 | 1 | 4 | 13 | 12 | 1 | 13 |
| Melita | 9 | 4 | 0 | 5 | 10 | 16 | -6 | 12 |
| Sliema | 9 | 2 | 2 | 5 | 8 | 8 | 0 | 8 |
| Pembroke | 9 | 2 | 1 | 6 | 7 | 18 | -11 | 7 |
| Kirkop | 9 | 2 | 0 | 7 | 7 | 16 | -9 | 6 |

| Under 17 - Section C | P | W | D | L | F | A | +/- | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tarxien | 10 | 7 | 0 | 3 | 27 | 7 | 20 | 21 |
| Zabbar | 9 | 6 | 1 | 2 | 29 | 6 | 23 | 19 |
| Rabat | 10 | 6 | 1 | 3 | 21 | 12 | 9 | 19 |
| Zejtun | 9 | 5 | 1 | 3 | 14 | 13 | 1 | 16 |
| Lija/Iklin | 10 | 4 | 1 | 5 | 29 | 20 | 9 | 13 |
| Swieqi | 10 | 4 | 1 | 5 | 19 | 19 | 0 | 13 |
| Fgura | 10 | 4 | 0 | 6 | 11 | 21 | -10 | 12 |
| Mqabba | 10 | 0 | 1 | 9 | 6 | 58 | -52 | 1 |

| Under 17 - Section D | P | W | D | L | F | A | +/- | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birzebbugia | 10 | 7 | 2 | 1 | 25 | 9 | 16 | 23 |
| Luqa | 10 | 6 | 1 | 3 | 23 | 8 | 15 | 19 |
| Attard | 10 | 6 | 1 | 3 | 27 | 15 | 12 | 19 |
| Msida | 10 | 5 | 2 | 3 | 18 | 12 | 6 | 17 |
| Mellieha | 10 | 4 | 2 | 4 | 19 | 17 | 2 | 14 |
| Ghaxaq | 10 | 3 | 1 | 6 | 9 | 20 | -11 | 10 |
| Mgarr | 10 | 3 | 1 | 6 | 10 | 22 | -12 | 10 |
| Naxxar | 10 | 1 | 0 | 9 | 13 | 41 | -28 | 3 |

| Under 17 - Section E | P | W | D | L | F | A | +/- | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gzira | 10 | 7 | 1 | 2 | 21 | 6 | 15 | 22 |
| Sirens | 9 | 6 | 2 | 1 | 23 | 8 | 15 | 20 |
| Marsa | 9 | 6 | 0 | 3 | 26 | 9 | 17 | 18 |
| Xghajra | 10 | 5 | 1 | 4 | 15 | 13 | 2 | 16 |
| Mtarfa | 10 | 4 | 1 | 5 | 9 | 15 | -6 | 13 |
| Kalkara | 9 | 2 | 0 | 7 | 9 | 20 | -11 | 6 |
| Sta. Venera | 9 | 0 | 1 | 8 | 3 | 35 | -32 | 1 |



**Anthony P. Scicluna.** Nhar it-13 ta' Frar 2017, tħabbret il-mewt ta' Anthony P. Scicluna fl-età ta 86 sena. Għal diversi snin mexxa lin-nursery ta' Gzira United. Is-Sur Scicluna, kif kien magħruf ma' ħafna nurseries, żgur ser jibqa' mfakkar għall-kwalitajiet tiegħu sew bħala coach u wisq aktar bħala amministratur tan-nursery ta' Gzira, fiż-żminijiet diffiċli li kienet għaddiet minnhom in-nursery. Saħansitra, is-Sur Scicluna baqa' jistinka, ħafna drabi anke waħdu, biex in-nursery ma tagħlaqx il-bibien u fejn ix-xewqa tiegħu dejjem kienet li xi darba jara n-nursery fuq saqajha bħal ma kienet fl-ewwel żminijiet tagħha u minn fejn ħarġu diversi players li kienu promettenti fil-football Malti.

J'Alla jkollna amministraturi li jimxu fuq l-eżempji sbieħ tas-Sur Scicluna, fejn id-dedikazzjoni, l-imħabba lejn il-logħba, il-valuri umani, s-sinċerità u r-rispett reċiproku mingħajr l-ebda kundizzjoni, kienu elementi prinċipali li jibqgħu t-timbru ta' din il-persuna.

GRAZZI Sur Scicluna ta' dak kollu li għamilt fis-silenzju, mhux biss għan-nursery ta' Gzira u l-komunità Gżirjana, iżda wkoll għall-football Malti li tant kien għal qalbek.

Minn Oliver Attard

# Duncan Micallef - l-aktar sewwieq veloċi fl-Ewropa

## - Illum se jkun finalista għal "L-Isportiv tas-Sena"

Duncan Micallef huwa r-rappreżentant tal-Motorsport Lokali għat-titlu ta' L-Isportiv Tas-Sena 2017 wara li ġie nominat kemm mill-Fedrazzjoni Maltija tal-Motorsport kif ukoll mill-Assoċjazzjoni Maltija tad-Drag Racing. L-għażla nazzjonali għall-Isportiv tas-Sena, fost titli oħra tiġi organizzata kull sena fi sforz konġunt bejn l-Għaqda Maltija għall-Ġurnalisti Sportivi u SportMalta.

Wara karriera brillanti fil-football fejn sa l-etá ta' 21 sena rrappreżenta lil Malta diversi drabi, Duncan beda jipprattika l-isport tal-karting fejn aktar tard kompla fid-Drag Racing. Fl-2016, Duncan ikkompeta fl-ogħla Klassi tal-kampjonat tad-Drag Racing organizzat mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Awtomobiliżmu, dik magħrufa bħala Top Fuel Dragster, l-iktar sport veloċi fid-dinja.

L-ewwel suċċess notevoli għal Duncan kien meta wara sena wieqaf mis-sewqan, fit-28 ta'Awwissu, fit-trakka ta' Tierp Arena, fl-Isvezja għamel l-aqwa ħin personali tiegħu kif ukoll dak tal-kampjonat kollu, meta saq l-1,000 pied fi 3.913 sekondi.

Wara biss ġimagħtejn mir-round ta' Tierp, fl-Isvezja, Duncan reġa' kiser Ir-rekord personali tiegħu, ir-rekord tal-kampjonat kif ukoll ir-rekord tat-trakka ta' Santa Pod meta saq l-1,000 pied bit-Top Fuel Dragster tiegħu fi 3.896 sekondi b'veloċitá massima ta' 312 mil fis-siegħa.

B'dan Duncan għamel suċċess għalih personali, għal pajjiżna fuq livell internazzjonali u bħalissa huwa l-aktar sewwieq veloċi fl-Ewropa. Dan kien suċċess u ċelebrazzjoni kbira għal madwar 200 Malti li telgħu jaraw lil Duncan f'din il-finali.

Duncan huwa membru eżemplari ħafna fl-Assoċjazzjoni, dedikat, responsabli immens u li għamel suċċess kbir għalih personali, għal pajjiżna u għall-assoċjazzjoni lokali.

F'isem il-Malta Motorsport Federation, il-Malta Drag Racing Association u l-komunitá kollha tal-Motorsport ġewwa pajjizna, nawguraw lil Duncan Micallef li jiġi magħżul għat-titlu bħala l-Isportiv tas-Sena 2017.

Duncan Micallef, bla dubju, jimmeritah dan it-titlu wara li rnexxielu jakkwista stima kbira meta bl-umiltá u d-determinazzjoni kollha tiegħu rebaħ it-titlu tal-aktar sewwieq veloċi fl-Ewropa mid-dixxiplini kollha tal-isport tal-karozzi.








# Il-Malta Awards Motorsport 2017 se jsiru f'Marzu

Il-Malta Motorsport Federation ħabbret li l-Motors Inc Malta Awards Motorsport 2017 se jiġu organizzati fl-10 Marzu, li ġej, fis-sala tal-Ballroom tal-Lukanda Radisson Blu, San Ġiljan, b'kollaborazzjoni mal-importaturi tal-karozzi Motors Inc. Is-serata ser tkun iffilmjati u mxandra minn TVM2 u għall-ewwel darba ser tkun strimjata b'mod dirett fuq il-media socjali minn motorsmt, fejn kollox huwa stabbilit għal serata memorabbli.

Fit-tielet edizzjoni tal-Awards ser jigu moghtija b'kollox 15-il rikonoxximent, bi premju speċjali għal mara fil Motorsport u għall-ewwel darba "Hall of Fame" għal rikonoxximent lil dik il-persuna li tigi vvutata mill-clubs u assoċjazzjonijiet kollha affiljati fil-federazzjoni tal-Motorsport.

Għal All Wheel Drive Club, Malta, ġew nominati Neville Ciantar u Alan Zahra, żewġ sewwieqa elite li kkompetew barra minn xtutna diversi drabi, Island Car Club, innominaw lil Ruben Hili u William England, żewġ uffiċjali li qed jgħinu l-club mhux biss fil-mumenti diffiċli tal-istorja Motorsport lokali imma wkoll biex jagħmlu qabża kbira 'l quddiem fl-istess sports.

Karting Club Malta innominaw lill Nicky Gauci u Gianluca Dingli, żewġ sewwieqa tal-karting li minbarra li jieħdu l-isport tagħhom b'serjetá kbira, saqu barra minn Malta diversi drabi. Old Motors Club innominaw lil Charles Sammut u Konrad Grech, żewġ ex-membri tal-kumitat li servew fuq il-kumitat għal diversi snin; Malta Classic innominaw lil Joseph Gerada u Carmel Vella, żewġ sewwieqa li ħadu sehem fl-edizzjonijiet kollha ta' dan l-avveniment prestiġjuż filwaqt li l-Malta Drag Racing Association innominaw lil Glenn Borg, sewwieq ta' mutur u lis-sewwieq tat-Top Fuel Malti, Duncan Micallef.

Il-Malta Drifting Association innominat lill-president George Muscat u ċ-champion preżenti Christian Borg. L-aħħar u mhux l-inqas, Porsche Club Malta innominat lil Hubert Camilleri, ir-rebbieħ ta' 12-il kampjonat tal-hill climb f'Malta u li għalkemm illum irtira minn din il-kompetizzjoni, huwa tellaq fil-Porsche 911 tiegħu, fil-Malta Classic, ta' Ottubru li għadda.

Anita Makela, iċ-champion renjanti tal-kampjonat FIA tad-Drag Racing, hija l-mistiedna tal-unur għaċ-ċerimonja tal-premjazzjoni. Dan ifisser li għal dan l-avveniment, il-Motors Inc. Malta Motorsport Awards ser ikollu l-iktar żewġ sewwieqa veloċi tal-Ewropa taħt saqaf wieħed. Is-serata ser tkun animata minn Maxime Pace, finalista għall-Malta Eurovision Song Contest, li ser tkanta diversi kanzunetti mir-repertorju tagħha. Numru limitat ta' biljetti huwa disponibbli u dawk interessati jistgħu jikkuntatjaw lill-federazzjoni fuq events@maltamotor-sport.org

Sadanittant, is-Segretarju Parlamentari, Chris Agius, faħħar ix-xogħol li qed isir mill-Malta Motorsport Federation, fl-għajnuna li tat sabiex jitħejja rapport dwar il-possibbiltà li f'pajjiżna tinbena trakka tal-karozzi, li kien essenzjali sabiex titħejja l-"Espressjoni ta' Interess" li qanqlet interess minn ħames konsorzji internazzjonali u biex fiż-żmien li ġej ser tkun qed toħroġ "Request for Proposal" għall-bini tat-trakka tal-karozzi.

Min-naħa tas-Sur Ryan Buttigieg, f'isem il-bord tad-diretturi u l-managers ta' Motors Inc, esprima l-unur tiegħu li qegħdin jisponsorjaw din l-edizzjoni ta' dawn l-Awards għal din is-sena. Sponsors ta' dan it-tip flimkien mal-isponors l-oħra, kollha jagħmlu ħafna sens għall-kumpanija minħabba li dan huwa konformi mal-valuri tagħha.

Finalment, is-Sur Buttigieg, awgura lil dawk kollha li ġew nominati kif ukoll lill-federazzjoni.



# Ronnie O'Sullivan jirbaħ is-seba' Masters personali

minn **Kevin J. Vella**




**Ronnie O'Sullivan jirċievi t-trofew mingħand Paul Hunter**

Ronnie O'Sullivan għeleb lil Joe Perry 10-7 fil-finali tat-tournament tal-Masters biex sar l-ewwel player li rebaħ it-titlu seba' darbiet meta qabel kien qed jaqsam dan l-unur ma' Stephen Hendry b'sitt rebħiet kull wieħed. Għaldaqstant ma jistax ikun li huwa ma jkunx fis-seba' sema!

Wara li rkupra minn 4-1 minn taħt, ir-'Rocket' rebaħ disgħa mill-aħħar 12-il frames kontra l-underdog Perry, f'Alexandra Palace, Londra.

O'Sullivan irċieva ċekk ta' £200,000 kif ukoll it-Trofew Paul Hunter, imsemmija għal Hunter għall-ewwel darba b'memorja għar-rebbieħ tal-Masters tliet darbiet li miet fl-2006.

B'din ir-rebħa O'Sullivan għamilhom 17-il titlu tat-Triple Crown b'ħames rebħiet f'kull wieħed fil-World u fil-UK Championship, u jinsab titlu wara r-rekord ta' 18 minn Hendry.

Il-player numru 13 fir-rankings, O'Sullivan, rebaħ l-ewwel unur mill-Welsh Open ta' Frar tas-sena li għaddiet u minn dak in-nhar tilef fil-finali tal-European Masters, Champion of Champions u UK Championship.

Fil-fatt, huwa pproduċa l-aqwa snooker tiegħu f'perjodi biss, l-iktar notevoli fis-semi-finali kontra Marco Fu, iżda fl-etá ta' 41 sena huwa għadu forza formidabbli, speċjalment f'Londra fejn il-maġġoranza tal-2,000 spettatur kienu warajh. Din kienet it-12-il finali tiegħu tal-Masters u d-disa' waħda mill-2004.

Dik il-ġimgħa kienet ukoll waħda monumentali għal Perry li wasal sal-finali ta' tournament tat-Triple Crown għall-ewwel darba, li peró ntemmet f'diżappunt wara li naqas li japprofitta mid-dominanza li wera kmieni fil-logħba.

Il-player ta' 42 sena rċieva ċekk ta' £90,000, li huwa t-tieni l-ikbar tal-karriera tiegħu wara l-£100,000 li ħa talli rebaħ il-Players Championship 2015.

Fi tmiem l-ewwel sessjoni l-iskor kien 4-4 iżda O'Sullivan rebaħ l-ewwel wieħed fil-ftuħ tat-tieni waħda biex mar fuq quddiem għall-ewwel darba. Huwa anke rebaħ it-tlieta ta' wara bi breaks ta' 68, 56 u 85 biex mar 8-4 minn fuq.

Hawnhekk ir-reżistenza ta' Perry dehret qed tnaqqas wara li tilef seba' frames wara xulxin, iżda wara l-mistrieħ deher li reġa' ġie f'tiegħu meta għamilhom 8-6 bi breaks ta' 117 u 92.

Imbagħad fil-15-il frame kellu ċans kmieni iżda falla l-ewwel ħamra mal-mattunella ta' fuq u O'Sullivan ikkastigah bi break brillanti ta' 112 biex resaq viċin Ir-rebħa.

Perry iddomina s-16-il frame bi breaks ta' 39 u 53 u l-iskor sar 9-7 bis-17-il frame jibqa' indeċiż sal-aħħar ħamra li Perry falla u dan għalih kien l-aħħar tentattiv hekk kif O'Sullivan ikklerja biex qabeż il-linja tat-tmiem.

Il-frames kollha żvolġew hekk:

Ronnie O'Sullivan v Joe Perry 10-7 – 24-79 (72), 16-101 (53), 86-27 (59), 31-90 (74), 0-115 (115), 67-40, 61-21, 81-23 (55), 51-14, 124-4 (68 & 56), 67-12, 108-15 (85), 1-117 (117), 1-92 (92), 130-0 (112), 1-106 (53), 59-39

GERMAN MASTERS

# Anthony Hamilton jirbaħ l-ewwel titlu tal-karriera

Anthony Hamilton rebaħ l-ewwel titlu ranking tad-dinja f'karriera ta' 26 sena professjonali meta fil-finali tal-German Masters, li saret fit-Tempodrom ta' Berlin, għeleb lil Ali Carter 9-6, wara li fl-ewwel sessjoni kien 5-3 minn taħt.

Fit-tieni sessjoni Hamilton lagħab snooker tremend hekk kif irkupra minn 5-2 minn taħt biex rebaħ seba' frames mill-aħħar tmienja wara xulxin.

Fl-età ta' 45 sena, il-player minn Nottingham huwa l-ixjeħ rebbieħ ta' tournament ranking mindu Doug Mountjoy, li kellu 46 sena, kien rebaħ il-Classic fl-1989.

U dan Hamilton għamlu bi stil meta għeleb lill-ewwel żewġ players fir-rankings tad-dinja, Mark Selby u Stuart Bingham, kif ukoll lil Mark Williams u Barry Hawkins, biex wasal sal-finali qabel ma warrab l-isfida ta' Carter meta kien l-iktar importanti.

Ir-rebħa tat lil Hamilton l-ikbar premju tal-karriera, €80,000, u mis-66 post fir-rankings tela' fit-38 post. U dan huwa iktar rimarkabbli għall-fatt li fl-istaġun li għadda kien kważi ġie relegat miċ-ċirkwit professjonali bil-logħba tiegħu tkun effettwata b'kundizzjoni kronika fl-ispina.

Infatti huwa kellu jirbaħ żewġ logħbiet fil-Gdynia Open 2016 biex jibqa' fit-tour, u huwa rnexxielu.

F'dawn l-aħħar xhur huwa wera titjib fil-forma, notevolment meta wasal sas-semi-finali tan-Northern Ireland Open, f'Novembru li għadda, fejn kien Mark King li rebaħ it-titlu f'Belfast u għaldaqstant din il-finali pproduċiet tmiem tal-ħolm għall-player popolari li tħabat ħafna biex jirbaħ unur mistħoqq fi kwart ta' seklu.

Din kienet it-tielet finali u l-ewwel waħda ta' Hamilton fi 15-il sena wara li kien tilef il-British Open 1999 kontra Fergal O'Brien u ċ-China Open 2002 kontra Mark Williams meta kien 8-5 minn fuq iżda ċeda taħt pressjoni.

Meta kien meqjus minn ħafna mill-kollegi tiegħu bħala l-aqwa player li qatt ma rebaħ titlu ranking, issa din it-tikketta neħħiha għal dejjem u kien xieraq li l-ġenituri tiegħu, Cliff u Stella, kienu fost l-udjenza entużjażmanti biex jaraw lil binhom jiċċelebra l-aqwa mument tal-karriera tiegħu.Min-naħa tiegħu Carter, 37 sena, tilef iċ-ċans għall-ħames titlu ranking u jerġa' jirbaħ l-unur li kien rebaħ fl-2013. Wara li f'Lulju kien rebaħ il-World Open huwa kien qed jipprova jirbaħ it-tieni unur tiegħu dan l-istaġun.

Iżda minkejja li tilef ir-raba' finali ta' tournament ranking xorta tela' mill-14 għall-11-il post fir-rankings tad-dinja.

Meta beda t-tieni sessjoni 5-3 minn taħt, Hamilton irkupra l-iżvantaġġ billi rebaħ l-ewwel erba' frames bi breaks ta' 49, 118, 73 u 74. Carter għamel 53 f'dak li kien imiss qabel ma falla sewda mhux f'postha, u Hamilton ikkastigah bi clearance eċċellenti ta' 70 biex mar tliet frames minn fuq meta kien fadal erbgħa oħra.

Fl-14-il frame Carter falla ħamra fit-tul meta kien fuq 41 iżda hawnhekk il-boċċi kienu salvi u ħa ċans ieħor meta żied 42 biex naqqas il-marġni għal 8-6.

Iżda ma kienx hemm rimonta meta kmieni fil-15-il frame Hamilton poġġa f'morsa lill-avversarju tiegħu b'maskra u miċ-ċans li segwa huwa għamel 57 meta ppottja t-tielet ħamra mill-aħħar li ħalliet lil Carter fil-bżonn tal-maskri. Peró ftit wara l-players ħadu b'idejn xulxin meta ma kienx hemm triq oħra għal Carter.

Il-frames kollha ġew mirbuħa hekk;

Anthony Hamilton v Ali Carter 9-6 – 31-61, 1-69, 12-66, 72-36, 61-4, 7-116 (100), 8-69 (54), 64-28 (56), 66-15, 118-1 (118), 78



Anthnony Hamilton jiċċelebra s-suċċess tiegħu tal-German Masters

# Tiġrijiet taż-żwiemel f'Għawdex



It-Tiġrijiet taż-Żwiemel kompla għaddej bi programmi kull ġimagħtejn fejn matul Jannar kellna żewġ programmi interessanti li minkejja l-kesħa li ħakmet lil pajjiżna, id-dilettanti taż-żwiemel f'Għawdex ma qatgħux qalbhom għax xorta waħda attendew bi ħġarhom għall-finali Krafft li saru fil-korsa ta' Xħajma nhar il-Ħadd, 8 ta' Jannar 2017, kien jinkludi sitt tiġrijiet tat-trott li minnhom tlieta kienu finali.

Hawnhekk ikkompetew l-aqwa żwiemel tat-trott li hawn pajjiżna bil-finali prinċipali tmur għand Royal In, Svediż ta' tmien snin misjuq minn Marco Debono. Dan l-istess ġerrej akkwista rebħa oħra biż-żiemel Capac Boko.

Il-finali tal-Klassi Premier kienet kontestata minn tmien żwiemel, kollha kkwotati u biċ-ċans tar-rebħ. Bidu tajjeb kellu Swan Des Tesniers' (Shaun Portelli), segwit minn High Stage (Marco Refalo) u Los Angeles (Josef Farrugia) biż-żwiemel l-oħra jsegwu wara xulxin.

Il-pożizzjonijiet baqgħu l-istess għall-parti l-kbira tat-tiġrija iżda fl-aħħar 300 metru beda l-attakk u l-pożizzjonijiet bdew jinbidlu. Hawn rajna s-saħħa ta' Royal In li mar fuq quddiem u minkejja kompetizzjoni qawwija rnexxielu jaqbeż il-linja finali quddiem Swan Des Tesniers u Spider Du Maine li daħlu fit-tieni u t-tielet post. Din kienet it-tielet rebħa konsekuttiva għall-Isvediż Royal In.

Il-Franċiż Sirocco De Line (Warren Spiteri) kiseb it-tielet rebħa konsekuttiva u rnexxielu jirbaħ il-finali tal-Klassi Silver. Dan iż-żiemel mill-ewwel wera l-intenzjonijiet tiegħu u ma riedx li din il-finali taħrablu għax mal-gaġġa tat-tluq mar fuq quddiem u żamm il-pass matul it-tiġrija biex akkwista rebħa komda. Fit-tieni u fit-tielet post daħlu Bravad Hornline (Claudio Refalo) u Knugen Palema (Joseph Mercieca).

It-tielet finali Krafft kienet għall-kategorija Bronze fejn il-Franċiż Upsilon De Maupas (Omar Cauchi) ittrijonfa u din kienet ukoll it-tielet rebħa konsekuttiva.

F'din il-finali ġrew għaxar żwiemel fejn kellu tluq tajjeb Reveal Champ Blanc (Tony Cauchi) segwit minn Upsilon De Maupas u ż-żwiemel l-oħra wara xulxin. L-eċċitament kien fid-dritta finali fejn Upsilon De Maupas irnexxielu jidħol bi ftit quddiem Reveal Champ Blanc u Borus Mandy li temm fit-tielet post.

Fit-tmiem ta' kull finali tqassmu t-trofej mir rappreżentanti tad-ditta Krafft flimkien mal-president tal-Gozo Horse Racing Association, Mary Mifsud Micallef, u l-membri oħra tal-kumitat.

Il-programm inkluda wkoll tiġrija għal kategorija Premier fejn hawn rajna d-debuttant John Vella jirbaħ bil-Franċiż Radjah De Venel. Inlant id-debba veterana Maiden Flash misjuqa minn Pasqualino Cefai kellha rebħa kbira f'tiġrija għall-kategorija Copper.

Fit-tieni post daħal Veħ D'Or (Omar Cauchi). L-aħħar tiġrija tat-trott kienet għall-Klassi Silver fejn il-ġerrej Marco Debono biż-żiemel Capac Boko ma tax ċans lill-kompetituri l-oħra. Fit-tieni post daħal Runway misjuq minn Joseph Mercieca. F'dan il-programm saru wkoll żewġ tiġrijiet għal ponijiet Shetland fejn hawn spikka t-tfajjel Michael Xuereb li rnexxielu jakkwista ż-żewġ rebħiet.

Fil-programm abbinat mal-Festa ta' Sant'Anton li sar is-Sibt, 21 ta' Jannar 2017, l-aktar żiemel li preżentament jinsab fil-forma, l-Franċiż Sirocco De Line, mill-Istalla Agobra Bingo tax-Xewkija, rnexxielu jakkwista r-raba' rebħa konsekuttiva fl-għaxar programm tal-istaġun 2016/17 fil-korsa ta' Xħajma. Minkejja ġurnata oħra xitwija bir-riħ jonfoħ, id-dilettanti taż-żwiemel xorta waħda attendew għall-programm ta' tiġrijiet li nkluda ħamsa tat-trott mill-aktar interessanti. Dawn saru fuq distanza twila 2,600 metru.

L-ewwel tiġrija tal-programm kienet għall-Klassi Premier fejn hawn kien hemm taqtiegħa bejn l-aqwa żwiemel għal min ser joħroġ rebbieħ. Il-Franċiż Sage de Gueriniere (Andre' Farrugia) intefa' fuq quddiem segwit minn Secret Service (Andrew Farrugia), Nelson Derm (Mark Bonnici) u Soft De La Vallee (Claudio Refalo) matul it-tiġrija kollha baqgħu jsegwu lil xulxin għajr għall-aħħar ħames mitt metru x'ħin beda l-eċċitament finali u l-aktar fid-dritta fejn id-debuttant Secret Service wera l-klassi tiegħu biex ħareġ rebbieħ quddiem Nelson Derm li rnexxielu jikklassifika fit-tieni post.

It-tieni tiġrija kienet għall-Klassi Silver fejn hawn il-Franċiż Spider Du Maine mis-

juq minn sidu Carmel Debono akkwista t-tielet rebħa tal-istaġun.

F'din it-tiġrija kellhom bidu tajjeb Tavuum (Omar Cauchi), Spider Du Maine, Tzar Bocain (Salvu Vella) u Hotchemin (Warren Spiteri) biż-żwiemel l-oħrajn isegwu wara xulxin. Wara l-ewwel dawra Spider Du Maine avanza u żamm l-ewwel post sa tmiem it-tiġrija. Fit-tieni u t-tielet post ikklassifikaw Tzar Bocain (Salvu Vella) u Capac Boko (Daniel Hili) respittivament.

L-Isvediż ta' seba' snin Banzai MJ taħt ir-riedni tas-solitu Mario Spiteri akkwista l-ewwel rebħa tal-istaġun fit-tiġrija tal-Klassi Copper. Hawnhekk kien hemm kontestazzjoni bejn 11-il żiemel b'Damita (Daniel Hili) u Cross Country FC (Franco Vella) jibdew tajjeb mal-gaġġa tat-tluq segwiti miż-żwiemel l-oħra wara xulxin.

Mal-ħin Noah Stars (Tony Cauchi) irnexxielu jitla' fuq quddiem u żamm il-pass sal-aħħar tmien mitt metru meta beda javanza Ruolo D'Azzurra (Pasqualino Cefai) u Runway (Joseph Mercieca).

Fid-dritta finali kollox kien inċert għax iż-żwiemel kollha kienu qrib xulxin iżda finalment kien Banzai MJ li rnexxielu jidħol b'tul vantaġġ quddiem id-debba Damita (Daniel Hili) u Borups Mandy (George Gatt) li daħlu fit-tieni u fit-tielet post.

It-tiġrija tal-Klassi Gold, il-konsistenza tal-Franċiż Sirocco De Line (Warren Spiteri) li rnexxielu jirbaħ f'din il-kategorija. Kellhom bidu tajjeb ukoll id-Daniż Royal Dream (Neville Spiteri), High Stage (Marco Refalo) u Croque (Fabio Attard) fejn tal-ewwel kien fuq quddiem matul it-tiġrija iżda fid-dritta finali l-istorja nbidlet għax Sirocco De Line kien aktar b'saħħtu biex għeleb l-isfida ta' High Stage u Royal Dream li daħlu wara xulxin xi ftit ċentimetri jifridhom.

L-aħħar tiġrija tat-trott kienet għall-Klassi Bronze fejn l-Isvediż ta' sitt snin Prince Teemer (Mark Bonnici) akkwista t-tieni rebħa tal-istaġun. Dan iż-żiemel mill-ewwel wera l-intenzjoni tiegħu għax mar fuq quddiem iżda mal-ħin ġie milħuq mid-debba Liza Berg (Marco Refalo) u Beauty Run misjuqa mill-veteran Joe Portelli li t-tnejn li huma kellhom tiġrija tajba.

Għalkemm saru tentattivi miż-żwiemel l-oħra matul it-tiġrija l-eċċitament kiber mal-aħħar dawra u d-dritta finali fejn il-ġlieda għar-rebħ kienet bejn Prince Teemer u Beauty Run fejn tal-ewwel irnexxielu jaqbeż il-linja finali bi ftit ċentimetri vantaġġ. It-tielet post ħadu Quovario misjuq minn Josef Farrugia.

F'dan il-programm kien hemm ukoll żewġ tiġrijiet tal-ponijiet li ġew mirbuħa minn Ethan (Lino Muscat) u Super Metal (Juorgen Portelli). Saru tliet tiġrijiet għal ponijiet Shetland misjuqa mit-tfal, fejn għat-tieni darba wara xulxin spikka t-tfajjel Michael Xuereb li rnexxielu jakkwista żewġ rebħiet bi Blacky u Naughty Dancer filwaqt li t-tiġrija l-oħra ntrebħet minn Nathan Farrugia fuq Sonic. ■



Il-preżentazzjoni ta' Royal Inn



Sirocco De Line misjuq minn Warren Spiteri



Royal Inn misjuq minn Marco Debono



# Il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (2014–17)

Minn James Azzopardi

Għalkemm ħafna jaħsbu li l-isport u l-Unjoni Ewropea (UE) ma jmorrux flimkien, aktar ma jmur, ir-relevanza u l-implikazzjoni globali tas-settur sportiv qegħdin iżidu fl-importanza għall-UE. Fil-fatt, qabel daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru, 2009, is-settur tal-isport kien kompletament fdat f'idejn l-Istati Membri. B'dan it-Trattat l-Istati Membri setgħu jsaħħu "il-koperazzjoni tagħhom fi sforz biex ikomplu jiżviluppaw id-dimensjoni Ewropea fl-isport".

Wieħed mill-aktar passi importanti kienet l-introduzzjoni ta' White Paper dwar l-isport, ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea fl-2007. Dan id-dokument fil-fatt enfasizza l-importanza tal-isport fis-soċjetà, iżda l-importanza tiegħu hija riflessa wkoll li ħafna mit-temi msemmijin fih, bħad-doping, l-edukazzjoni sportiva u l-volontarjat, huma temi li llum il-ġurnata jiffurmaw parti importanti mill-politiki tal-UE dwar l-isport.

Pass ieħor importanti fil-ħidma tal-UE fl-isport ittieħed fl-2011 bit-tnedija ta' Pjan ta' Ħidma għall-Isport (2011-14). Dan il-pjan iffoka fuq tliet aspetti: l-integrità fl-isport, id-dimensjoni ekonomika tal-isport u l-isport u s-soċjetà. Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Kultura, il-Multilingwiżmu u ż-Żgħażagħ ta' dak iż-żmien, Androulla Vassiliou, stqarret li l-ewwel pjan għall-isport tal-UE "kiseb riżultati pożittivi, grazzi għal struttura soda għall-koperazzjoni, ibbażati fuq prijoritajiet u riżultati ċari".

It-tieni pjan (2014-17) mexa fuq ir-riżultati tal-ewwel pjan u saħansitra espanda fuqhom. Madanakollu, inżammu l-istess tliet prioritajiet: l-Integrità fl-Isport (antidoping, it-tbagħbis fil-logħob, il-protezzjoni tal-minuri, il-governanza tajba u l-ugwaljanza bejn is-sessi); id-dimensjoni ekonomika tal-isport (is-sostenibbiltà, il-wirt tal-avvenimenti sportivi u l-innovazzjoni); l-Isport u s-Soċjetà (il-volontarjat, l-impjiegi u t-taħriġ fl-isport).

Biex jitwettqu dawn l-azzjonijiet, twaqqfu gruppi ta' esperti. B'kollox kien hemm ħames gruppi li ffukaw fuq dawn il-ħames temi: it-tbagħbis tal-logħob, il-governanza tajba, id-dimensjoni ekonomika, il-HEPA (Health-Enhancing Physical Activity) u l-iżvilupp tar-riżorsi umani fl-isport. Il-gruppi ltaqgħu regolarment bejn l-2014 u l-2017 biex jiddiskutu proprju dawn is-suġġetti u jaraw kif jistgħu jtejbu l-ħidma tal-UE fejn jidħol l-isport. Wara kull laqgħa, dawn il-gruppi ppubblikaw rapporti dettaljati.

L-istess dokumenti ntużaw mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tħejji rapport dwar il-pjan ta' ħidma għall-isport u x-xogħol li sar waqtu. Barra minn hekk, l-opinjonijiet inġabru wkoll minn konsultazzjoni miftuħa għall-pubbliku, minn diversi laqgħat u avvenimenti tal-partijiet interessati kif ukoll permezz ta' kontributi spontanji. Ta' min isemmi li filwaqt li mill-konsultazzjoni ħareġ li 91% tal-parteċipanti jaħsbu li l-pjan ta' ħidma ffoka fuq il-prijoritajiet it-tajbin, kien hemm min ħass li l-"forma attwali tad-djalogu strutturat tal-UE mal-organizzazzjonijiet sportivi tista' tiġi mtejba".

F'dan ir-rapport wieħed jista' jsir jaf aktar dwar il-ħidma li saret f'dawn it-tliet snin. Il-maġġoranza tal-miri tal-Pjan fil-fatt intlaħqu. Wieħed jista' jsemmi per eżempju l-iskambju tal-aħjar prattiċi fejn tidħol il-ġlieda kontra t-tbagħbis tal-logħob u t-tħejjija ta' Rakkomandazzjonijiet ta' Grupp ta' Esperti għall-protezzjoni ta' atleti żgħażagħ u l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal fl-isport. Permezz tal-qsim ta' prattiċi tajba għall-promozzjoni tal-attività fiżika fl-Istati Membri, il-Grupp ta' Esperti tal-HEPA għen biex jinfirxu l-prattiċi tajba u jittieħdu inizjattivi ta' pjani ta' azzjoni ħalli tikber l-attività fiżika fis-soċjetà.

Inkisbu riżultati wkoll fl-aspett ekonomiku tal-isport, fejn il-Grupp ta' Esperti għal dan il-qasam iffaċilita l-progress fejn jidħol l-impatt ekonomiku tas-settur, speċjalment fejn jidħlu avvenimenti sportivi kbar.

Tema oħra li kienet diskussa hi dik dwar l-impjegabbiltà taż-żagħżagħ fl-isport u l-karrieri doppji tal-atleti. Dan huwa punt importanti, speċjalment għal pajjiż bħal Malta fejn ħafna mill-atleti jkollhom kemm karriera sportiva, kif ukoll impjieg ieħor. F'dan ir-rigward, qed jiġi ffformulat rapport dwar is-sitwazzjoni attwali li hu mistenni li jkun lest għall-ewwel nofs ta' din is-sena.

Taħt dan il-pjan ta' ħidma ġew diskussi wkoll il-possibbiltajiet li jiżdied ir-rikonoxximent tal-kwalifiki fl-isport, anki billi dawn il-kwalifiki jiġu rikonoxxuti mill-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki tal-Istati Membri u l-Qafas






Ewropew tal-Kwalifiki. Barra minn hekk, l-isport irċieva rikonoxximent fuq livell politiku bħala metodu ta' kif tiżdied l-impjegabbiltà u l-inklużjoni soċjali taż-żagħżagħ. Ir-rakkomandazzjonijiet dwar din it-tema għadhom għaddejjin.

Bħal f'kollox fejn tidħol l-UE, l-inizjattivi fil-qasam tal-isport ma jkunux qegħdin jittieħdu separatament minn inizjattivi f'oqsma oħra. Fost l-oħrajn, l-isport fih innifsu jiftaħ possibbiltajiet ta' impjiegi ġodda u jġib 'il quddiem is-saħħa taċ-ċittadini. Għaldaqstant, permezz ta' attivitajiet sportivi, l-UE taħdem mal-Istati Membri biex issaħħaħ is-sens ta' etika sportiva u biex jitqajjem l-interess fl-isports u l-benefiċċji tiegħu. Fil-fatt, ftit ġimgħat ilu ħareġ rapport dwar il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport #BeActive li saret f'Settembru tas-sena l-oħra. Ir-rapport jikkonferma li l-attivitajiet li saru fl-2016 kienu ta' suċċess, hekk kif mill-2015, l-attivitajiet irduppjaw u l-għaqdiet sportivi li ħadu sehem fihom żdiedu wkoll. Matul l-UE saru iktar minn 10,400 attività li fihom ħadu sehem iktar minn 8 miljun parteċipanti.

Bħala parti mill-attivitajiet tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE, il-Forum tal-UE dwar l-Isport se jiltaqa' f'Malta bejn it-8 u d-9 ta' Marzu 2017 biex jiġu diskussi t-temi bħall-governanza fl-isport, il-promozzjoni tal-isport u l-innovazzjoni sportiva fost suġġetti oħra. Dan il-Forum huwa l-pjattaforma ewlenija tal-UE għad-djalogu sportiv. Fih jiltaqgħu l-istituzzjonijiet tal-UE flimkien ma' partijiet interessati biex jaqsmu l-opinjonijiet u l-ideat għall-futur ta' dan is-settur fl-UE.

Il-fatt li bosta esperti u organizzazzjonijiet mill-Istati Membri jiltaqgħu u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom biex jittejjeb is-settur sportiv u jsaħħaħ il-kunċett ta' koperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE. Grazzi għal din il-koperazzjoni, l-isport qiegħed jieħu l-importanza li jistħoqqlu u ċ-ċittadini tal-UE qegħdin, u se jkunu jistgħu jgawdu iktar mill-benefiċċji u l-opportunitajiet li joffri.



Kampjonat 1962-63

# Valletta u Sliema Wanderers jillidjaw sad-disa' ġurnata

minn **Tonio Farrugia**

## It-Tmien Ġurnata

**13-01-1963:**
**Hibernians FC – Sliema Wdrs. FC 2-0**
**H.T 0-0 Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: J. Ciantar (H) 48' u E. Theobald (H) 83'**

**Hibernians FC:** Alfred 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Johnnie Attard, Leli 'L Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Leli Sultana, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Joe 'Il-Felli' Ciantar (Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci 79').

**Sliema Wdrs. FC:** Freddie Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Aquilina, Lino 'Il-Fus' Falzon, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Joe Cini, Edward Aquilina, Sammy Nicholl.

1. Hibernians kienu mingħajr il-coach tagħhom, Joe W. Davidson, li kien jinsab f'King George V Hospital qed jirkupra mill-operazzjoni tal-cartilage li kien ilu jsofri minnha miż-żmien meta kien jilgħab il-football.

**19-01-1963:**
**Valletta FC – St. George's FC 5-0**
**H.T 2-0 Ref: James Sawyer**
**Skurjaw: M. Azzopardi (V) 20', 28', 52' u 78' u J. Zammit (V) 85'.**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Frankie Zammit, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Tony Calleja, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

**St. George's FC:** Albert Borg, Karmenu Frendo, Joe Brincat, Leonard Mizzi, Freddie Sultana, Freddie Delia, Victor Brincat, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi (Freddie Wilson 40'), Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Wally Hili.

1. Fit-42 minuta, il-player ta' Valletta Joe Cilia tkeċċa mir-referee James Sawyer. Huwa rrifjuta li jħalli l-ground fejn kellu jiġi kkalmat minn sħabu u mill-pulizija. Cilia tkeċċa wara li kellu xi jgħid ma' Eddie Mizzi wara foul li dan għamel fuq Charlie Williams. Aktar tard Joe Cilia kien ġie mmultat £1 mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA iżda ma ġiex sospiż għall-partita ta' wara kontra Hibernians.

2. Fl-54 minuta, il-left back ta' St. George's Joe Brincat tkeċċa wara li qabeż iċ-ċint u mar jiġġieled mal-partitarji Beltin minħabba li ħassu offiż għall-kummenti li rċieva waqt li kien qed jagħti throw-in minn ħdejhom. Kellha għal darb'oħra tintervjeni l-pulizija biex tikkalma s-sitwazzjoni. L-istess bħal Joe Cilia huwa ġie mmultat nofs lira mill-Bord tad-Dixxiplina iżda ma ġie sospiż għall-ebda partita.

**20-01-1963:**
**Floriana FC – Rabat FC 2-0**
**H.T 0-0 Ref: Carmel Galea**
**Skorja: T. Cauchi (F) 68' u 88'.**

**Floriana FC:** Salvu Alamango, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Louis Bugeja, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Rabat FC:** Egidio Sammut, Joe Bugeja, Joe Grech, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Charles Nappa, John Sapiano, Fredu Church, Charles Zammit (George 'Ta' Ġulinu' Tonna 75'), Nenu Chircop, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

1. Il-goalkeeper ta' Rabat Egidio Sammut kien ġie akkwistat fis-sajf, 1962, mingħand St. Joseph FC tal-Imsida. Wara dan id-debutt huwa kien reġa' lagħab mal-club Rabti tliet snin wara, fl-istaġun 1965-66, meta Rabat FC kienu jilagħbu fit-Tieni Diviżjoni.

**26-01-1963:**
**Ħamrun Sp. FC – Birkirkara FC 4-1**
**H.T 2-0 Ref: George Busuttil**
**Skurjaw: J. Mizzi (Ħ) 15' u 25', o.g G. Dalli (Ħ) 46', T. Cassar (Ħ) 64' u Pace (B) pen. 67'.**

**Ħamrun Sp. FC:** Vince Tedesco, Martin Attard, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Johnnie Fondacaro, George Cuschieri, Pawlu Buttigieg, Carmelo 'In-Nene' Grech, Jimmy Mizzi, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, George Micallef.

**Birkirkara FC:** Peter Galea, Carmelo Micallef, Pawlu Barbara, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Toni Caruana, John Micallef, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Leli Tonna, Leli 'Id-Diju' Borg, Leli Theuma.

1. Jimmy Mizzi skorja darbtejn fl-ewwel 25 minuta fid-debutt tiegħu ma' Ħamrun




Salvu Bonnici (Sliema W.) jikklerja minn fuq Tony Cauchi (Floriana)



Louis Theobald (Hibernians)

Spartans. Huwa kien għadu kemm ġie akkwistat mingħand Hibernians FC biex jimla l-vojt li ħalla Ġużi Dimech 'Ir-Rumba' li emigra.

2. Pawlu Buttigieg irritorna mal-Ispartans wara xi żmien nieqes. Huwa kien kważi sieħeb lill-ġirien Marsa FC fit-Tieni Diviżjoni iżda dawn tal-aħħar ma ħallsux is-somma ta' £300 mitluba mill-Ispartans.

**Klassifika:** Valletta FC 13-il pt.; Sliema Wdrs. FC u Hibernians FC 12-il pt.; Floriana FC 10 pti.; St. George's FC u Ħamrun Sp. FC 7 pti.; Rabat FC 2 pti.; Birkirkara FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** M. Azzopardi (Valletta FC) 14-il goal; T. Cauchi (Floriana FC) 8 goals; V. Cassar (Hibernians FC) 6 goals; J. Urpani (Valletta FC) 5 goals.

## Id-Disa' Ġurnata

**28-01-1963:**
**Valletta FC – Hibernians FC 1-1**
**H.T 1-0 Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: M. Azzopardi (V) 31' u V. Cassar (H) 73'**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe Cilia, Frankie Zammit (Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci 75'), Josie Urpani, Mario Azzopardi, Tony Calleja, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Johnnie Attard (Leli Sultana 56'), Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Victor Grima, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

1. Iż-żagħżugħ Victor Grima irritorna fl-ewwel team ta' Hibernians wara li għamel xi ġimgħat wieqaf mill-football sabiex jipprepara għall-eżamijiet tal-G.C.E.

**02-02-1963:**
**Sliema Wdrs. FC – St. George's FC 4-1**
**H.T 2-0 Ref: Tommy Restall**
**Skurjaw: L. Micallef (S) 30', R. Cocks (S) 42', L. Micallef (S) 58', Vassallo (St.Geo) 76' u J. Cini (S) 88'.**

**Sliema Wdrs. FC:** Freddie Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Peter Fitzgerald, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Joe Cini, Edward Aquilina.

**St. George's FC:** Pawlu Nappa, Karmenu Frendo, Joe Brincat, Freddie Delia, Leonard Mizzi, Franz Buttigieg, Victor Brincat, Salvu 'Scotch' Scicluna, Bugeja, Peppi Delceppo, Vassallo.

**03-02-1963:**
**Ħamrun Sp. FC – Rabat FC 3-0**
**H.T 1-0 Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: G. Cuschieri (Ħ) 13', P. Buttigieg (Ħ) 51' u T. Cassar (Ħ) 76' pen.**

**Ħamrun Sp. FC:** Vince Tedesco, Martin Attard, Alfred 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, John Fondacaro, George Cuschieri, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Jimmy Mizzi, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, George Micallef.

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Joe Bugeja, Joe Grech, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Carmelo Nappa, John Sapiano (Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi 46'), Vince 'Tal-Manager' Vassallo, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Nenu Chircop (Pawlu 'Il-Fulier' Said 46'), Charles Zammit, Fredu Church.

1. Charles Zammit ta' Rabat FC tkeċċa fit-68 minuta waqt protesti ħorox wara li pprova jhebb għar-referee Pawlu Bonnett minħabba li naqas li jagħti penalty favur Rabat FC.

**09-02-1963:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 3-1**
**H.T 2-1 Ref: Tommy A. Restall**
**Skurjaw. L. Tonna (B) 20', T. Cauchi (F) 24' u L. Borg (F) 37' u 48'**

Abbandunata fi-67 minuta minħabba xita qawwija

**Floriana FC:** Salvu Alamango, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Louis Bugeja, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Birkirkara FC:** Joe Garrett, Carmelo Micallef, Pawlu Barbara, Leli Pace, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, George Dalli, Leli Theuma, Wally Dimech Debono (Toni Caruana 50'), Carmelo Galea, Leli Tonna, Charlie Ciantar.

**13-02-1963:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 5-0**
**H.T 3-0 Ref: Tommy A. Restall**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 16', 17', 44' u 48' u L. Borg (F) 81'**

Ripetizzjoni tal-Partita Abbandunata

**Floriana FC:** Salvu Alamango, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Louis Bugeja, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Birkirkara FC:** Peter Galea, Carmelo Micallef, Pawlu Barbara, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Leli Theuma, Wally Dimech Debono, John Micallef, Leli Tonna, Charlie Ciantar.

**Klassifika:** Valletta FC u Sliema Wdrs. FC 14-il pt.; Hibernians FC 13-il pt.; Floriana FC 12-il pt.; Ħamrun Sp. FC 9 pti.; St. George's FC 7 pti.; Rabat FC 2 pti.; Birkirkara FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** M. Azzopardi (Valletta FC) 15-il goal; T. Cauchi (Floriana FC) 12-il goal; V. Cassar (Hibernians FC) 7 goals; T. Cassar (Ħamrun Sp. FC); J. Cini (Sliema Wdrs. FC) u J. Urpani (Valletta FC) 5 goals




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Manchester United

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2017

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 118

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 118 huwa:
**K. Fenech - Mosta**



# Tisliba



### Soluzzjoni - Ħarġa nru 118

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| C | H | A | P | E | C | O | E | N | S | E | | A | |
| H | | I | | S | | R | | A | | L | U | K | E |
| A | R | K | A | N | S | A | S | | | I | | T | |
| R | | I | | A | | G | R | A | N | A | D | O | S |
| L | U | D | O | I | S | E | | L | | N | | B | |
| E | | O | | D | | | D | E | L | A | M | E | A |
| S | A | Y | W | E | L | L | | S | | | A | | M |
| G | | A | | R | | E | S | S | I | E | L | | O |
| H | A | M | M | | Y | N | | I | | R | A | M | S |
| I | | A | | G | A | Z | Z | A | N | I | G | A | |
| L | A | T | O | | N | | W | | I | C | A | R | O |
| L | | O | | L | I | Z | A | U | R | | | I | |
| E | S | | D | | K | | C | | A | A | R | O | N |
| R | | M | U | L | A | | K | O | J | | | N | |

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu 2017:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 118:
**S. Falzon - Lija**

### Mimdudin

1) Is-Segretarju Ġenerali ġdid tal-MFA (6,8)
8) L-aktar tliet tournaments prestiġjużi fis-Snooker (6,5)
9) Salvatore "..." Schillaci (4)
10) Giuseppe, ex-attakkant qsajjar ta' Juventus u Milan (9)
11) Ben, iddefenda l-lasti tal-Ingilterra f'2 partiti fl-1928 (5)
12) John, midfielder Niġerjan ta' Hapoel Be'er Sheva (3)
13) Arda, midfielder tat-Turkija b'95 partita (5)
15) u 32) Ángel, atleta paralimpiku Spanjol 'tad-deheb' (5)
17) Sir Sebastian ..., l-akbar isem fl-Atletika tal-Gran Brittanja (3)
18) John ... Mikel, ex midfielder ta' Chelsea (3)
20) Carlos, parti mill-iskwadra ta' Cuba fil-Fifa WC 1938 (8)
23) "Stade .....", club tal-Football f'Ligue 2 Franċiż (4)
25) Circuit de ...-Francorchamps (3)
27) Sliema vs Floriana - "The Old ...." (4)
28) Keith "... ....." Azzopardi, Kickboxer champion dinji fl-2016 (3,5)
32) Ara 15 Mimdudin
33) Ibrahim, winger ta' Stoke City u l-Olanda (7)
34) Corr Nyang, ex-attakkant mill-Gambia ta' Valletta FC (4)
35) Sell, winger veloċi ta' Kalkara FC (4)

### Weqfin

1) Beppe, minn ma' Lija Athletic għal ma' Kalkara FC (9)
2) Matthew, midfielder promettenti ta' Birkirkara FC (11)
3) Il-club Norveġiż ta' Michael Mifsud bejn l-2004 u l-2007 (10)
4) Diego Armando, midfielder ta' Marsa FC (9)
5) "Torrent d'...... żiemel Franċiż ta' 10 snin (7)
6) Eric, 143 partita u 64 goal għal Man Utd (7)
7) Alexander, midfielder ta' Norwich u n-Norveġja (6)
14) Veselji, ex-attakkant Jugoslav naturalizzat Malti (5)
16) Ta' Malta jew ta' Skozja fil-football (4)
17) Keenum, player ta' Los Angeles Rams fl-FNL tal-Amerika (4)
19) Julian, ex midfielder ta' Floriana FC, illum ma' Kalkara FC (6)
21) Lennart Skoglund, winger ta' Inter FC fis-snin 50 (1,1)
22) Kristina Smigun-....., skier 'tad-deheb' mill-Estonja (4)
24) Il-belt Taljana li kienet tospita l-Formula Uno sal-2006 (5)
26) "..... Brazille", żiemel Franċiż ta' 14-il sena (5)
29) Pena, player mir-Repubbllika Domenikana ta' St Andrew's (4)
30) Franco, difensur ta' Inter FC bejn is-snin 1947-1950 (4)
31) Magri, difensur ta' Dover Athletic FC u Malta (3)

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00
Sat 08.00 - 18.00
Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230
6 months €160
3 months €110
1 month €50
daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 40 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt